**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0388/2017**

30.11.2017

*****

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni)
(COM(2016)0411 – C8-0322/2016 – 2016/0190(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Tadeusz Zwiefka

(Riformulazzjoni – Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura)

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-***tipa korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA .......... 39

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI .......... 43

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET .......... 46

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .......... 65

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......... 66

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) (COM(2016)0411 – C8-0322/2016 – 2016/0190(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni – riformulazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2016)0411),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0322/2016),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 104 u 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0388/2017),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u hekk kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p.1.

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003[34] ġie emendat b'mod sostanzjali[35]. Billi għandhom isiru iżjed emendi, dan ir-Regolament għandu jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza. | (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003[34] ġie emendat b'mod sostanzjali[35]. Billi għandhom isiru iżjed emendi ***indispensabbli***, dan ir-Regolament għandu jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza. ***Dawn l-emendi tar-Regolament se jgħinu jsaħħu ċ-ċertezza tad-dritt u jżiedu l-flessibbiltà, se jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' aktar aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji u għall-effikaċja ta' tali proċedimenti. Fl-istess ħin, il-bidliet għal dan ir-Regolament se jikkontribwixxu biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jżommu s-sovranità sħiħa fil-qasam tal-liġi sostantiva dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.*** |
| [34]Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).**.** | [34]Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).. |
| [35] Ara l-Anness V. | [35] Ara l-Anness V. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-funzjonament korrett u bla xkiel ta' spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni b'rispett għas-sistemi ġuridiċi u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' ġustizzja ta' xulxin ***għandha tkompli tittejjeb***. L-Unjoni ***ffissat l-oġġettiv lilha nnifisha*** li toħloq , iżżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u | (3) Il-funzjonament korrett u bla xkiel ta' spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni b'rispett għas-sistemi ġuridiċi u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' ġustizzja ta' xulxin għandha tkompli tittejjeb. L-Unjoni ***tat lilha nfisha l-objettiv*** li toħloq, iżżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u |

| | |
|---|---|
| ġustizzja, li fiha l-moviment liberu tal-persuni u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu ***assigurati***. ***Bil-għan*** li jiġu implimentati dawn ***l-oġġettivi***, ***id-drittijiet*** tal-persuni, speċjalment it-tfal, fi proċedimenti ġuridiċi ***għandhom*** jissaħħew sabiex ***tiġi ffaċilitata*** l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera. ***Ir-rikonoxximent*** reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili ***għandhom jittejbu,*** l-aċċess għall-ġustizzja ***għandu jiġi ssimplifikat u*** l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri ***għanhom jitjiebu***. | ġustizzja, li fiha l-moviment liberu tal-persuni u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu ***żgurati***. ***Bil-għan*** li jiġu implimentati dawn ***l-objettivi***, ***huwa essenzjali li d-drittijiet*** tal-persuni, speċjalment it-tfal, fi proċedimenti ġuridiċi jissaħħew sabiex ***jiġu ffaċilitati*** l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera. ***Jenħtieġ li jittejjeb r-rikonoxximent*** reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili***, jiġi simplifikat*** l-aċċess għall-ġustizzja ***u jiġu perfezzjonati*** l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri***, billi tiġi żgurata verifika preċiża tan-natura non diskriminatorja tal-proċeduri u l-prattiki adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jiġu protetti l-aħjar interessi tal-minuri u d-drittijiet fundamentali relatati***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha taddotta, fost affarijiet oħra, miżuri ***fl-oqsma ta' koperazzjoni ġudizzjarji*** fi kwistjonijiet ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera, speċjalment meta jkun neċessarju għat-tħaddim kif suppost tas-suq intern. | (4) Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha taddotta, fost affarijiet oħra, miżuri ***fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja*** fi kwistjonijiet ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera, speċjalment meta jkun neċessarju ***għall-moviment liberu tal-persuni u*** għat-tħaddim kif suppost tas-suq intern. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(4a) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili b'implikazzjonijiet transfruntiera, hemm bżonn ta' taħriġ ġudizzjarju, speċjalment dwar l-aspetti transfruntiera fil-liġi tal-familja. L-attivitajiet ta' taħriġ, bħal seminars u skambji, huma meħtieġa kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, ħalli tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar dan ir-Regolament, il-kontenut u l-konsegwenzi tiegħu, kif ukoll ħalli tinħoloq fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri għal dak li jikkonċerna s-sistemi ġudizzjarji tagħhom.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (6) Sabiex l-ugwaljanza għall-minuri kollha tkun assigurata, dan ir-Regolament għandu jkopri d-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbilità tal-ġenituri, inklużi l-miżuri ta' protezzjoni għall-minuri, indipendentement minn xi konnessjoni ma' xi proċediment matrimonjali jew xi proċediment ieħor. | (6) Sabiex l-ugwaljanza għall-minuri kollha tkun żgurata, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri d-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbilità tal-ġenituri, inklużi l-miżuri għall-protezzjoni tal-minuri, indipendentement minn kull rabta ma' xi proċediment matrimonjali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjoni mhijiex konformi mal-Artikolu 1(3) tal-istess Regolament.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(6a) Skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni japplikaw ukoll għat-tfal kollha li jinsabu fit-*** |

| | |
|---|---|
| | ***territorju tal-Unjoni u li r-residenza abitwali tagħhom ma tistax tiġi stabbilita b'ċertezza. Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż, b'mod partikolari, sabiex ikopri t-tfal li huma refuġjati, kif ukoll it-tfal li ġew spustati internazzjonalment sew jekk għal raġunijiet soċjoekonomiċi sew jekk minħabba problemi li qed iseħħu f'pajjiżhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), u speċjalment id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, u d-drittijiet tat-tfal stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***Ir-raġunijiet tal-ġurisdizzjoni*** fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ***huma f'formati fi ħdan l-aqwa*** interessi ***għall-minuri*** u ***għandhom*** jiġu applikati ***skont dawn***. Kwalunkwe referenza għall-aħjar interessi tal-minuri ***għandha*** tiġi interpretata fid-dawl tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal- | (13) ***Jenħtieġ li l-motivi għall-ġurisdizzjoni*** fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ***jkunu dejjem mfassla fid-dawl tal-aqwa*** interessi ***tal-minuri*** u jiġu applikati ***b'kunsiderazzjoni ta' dawk l-interessi***. ***Jenħtieġ li*** kwalunkwe referenza għall-aħjar interessi tal-minuri tiġi interpretata fid-dawl tal- |

| | |
|---|---|
| Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Minuri tal-20 ta' Novembru 1989. | Artikolu ***7, 14, 22 u*** 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Minuri tal-20 ta' Novembru 1989. ***Huwa imperattiv li, insegwitu ta' deċiżjoni definittiva li tipprevedi r-ritorn tal-minuri, l-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġurisdizzjoni, fis-sens ta' dan ir-Regolament, fuq il-mertu ta' każ li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-ġenituri, jiżgura li l-aħjar interessi u d-drittijiet fundamentali tal-minuri jkunu protetti ladarba l-minuri jiġi rritornat, b'mod partikolari meta hu jew hi jkollhom kuntatt maż-żewġ ġenituri.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Jenħtieġ li t-tifsira tal-kunċett "residenza abitwali" tiġi interpretata fuq il-bażi ta' definizzjonijiet mill-awtoritajiet fuq bażi ta' każ b'każ, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Meta r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel wara rilokazzjoni leġittima, ***il-ġurisdizzjoni għandha*** ssegwi l-minuri sabiex tibqa' qrib***. Dan għandu japplika meta jkun għadu ma hemm l-ebda proċediment pendenti, u anke fi proċedimenti pendenti.*** Fi proċedimenti pendenti, madankollu, il-partijiet jistgħu | (15) Meta r-residenza abitwali tal-minuri tinbidel wara rilokazzjoni leġittima, ***jenħtieġ li l-ġurisdizzjoni*** ssegwi l-minuri sabiex tibqa' qrib. Fi proċedimenti pendenti, madankollu, il-partijiet jistgħu jaqblu fl-interessi tal-effiċjenza tal-ġustizzja li l-qrati tal-Istat Membru fejn il-proċedimenti jkunu pendenti jkollhom |

| | |
|---|---|
| jaqblu fl-interessi tal-effiċjenza tal-ġustizzja li l-qrati tal-Istat Membru fejn il-proċedimenti jkunu pendenti jkollhom ġurisdizzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni finali, diment li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri. ***Din il-possibbiltà hija*** ta' ***importanza partikulari meta l-proċedimenti jkunu qorbu l-konklużjoni tagħhom u ġenitur wieħed ikun jixtieq jimxi lejn Stat Membru*** ieħor ***mal-minuri***. | ġurisdizzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni finali, diment li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minuri. ***Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-proċedimenti pendenti relatati mad-drittijiet*** ta' ***kustodja u ta' aċċess jiġu konklużi permezz ta' deċiżjoni definittiva, sabiex il-persuni li għandhom id-drittijiet ta' kustodja ma jittrasferixxux il-minuri f'pajjiż*** ieħor ***bl-għan li jevitaw deċiżjoni mhux favorevoli minn awtorità, sakemm il-partijiet ma jaqblux li l-proċedimenti pendenti għandhom jintemmu***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Dan*** ir-Regolament ma ***għandux jimpedixxi lill- awtoritajiet*** ta' xi Stat Membru li ma ***għandux*** ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ milli jieħdu miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward tal-persuna jew ***proprjetà*** ta' minuri li ***jkunu preżenti*** f'dak l-Istat Membru. ***Dawn il-miżuri għandhom*** jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri kollha oħrajn inklużi l-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li hija tqis xierqa. Madankollu, ***il-miżuri*** li tieħu qorti fi Stat Membru ***għandhom*** jiġu emendati jew sostitwiti biss minn miżuri meħudin ukoll minn qorti fl-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ. Awtorità li jkollha ġurisdizzjoni biss fuq miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi ***għandha, jekk titressaq applikazzjoni quddiemha dwar il-mertu tal-każ, tiddikjara fuq inizjattiva tagħha stess li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni***. Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, ***l-awtorità għandha*** tinforma, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali, lill-awtorità tal-Istat Membru li | (17) ***Jenħtieġ li dan*** ir-Regolament ma ***jimpedixxix lill-awtoritajiet*** ta' xi Stat Membru li ma ***għandhomx*** ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ milli jieħdu miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi, f'każijiet urġenti ***bħal fil-każijiet ta' vjolenza domestika jew vjolenza abbażi tas-sess***, fir-rigward tal-persuna jew ***il-proprjetà*** ta' minuri li ***tkun tinsab*** f'dak l-Istat Membru. ***Jenħtieġ li dawn il-miżuri*** jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri kollha oħrajn inklużi l-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li hija tqis xierqa. Madankollu, ***jenħtieġ li l-miżuri*** li tieħu qorti fi Stat Membru jiġu emendati jew sostitwiti biss minn miżuri meħudin ukoll minn qorti fl-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ. ***Jenħtieġ li*** awtorità li jkollha ġurisdizzjoni biss fuq miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi, ***tiddikjara ex officio li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni meta titressaq applikazzjoni quddiemha dwar il-mertu tal-każ***. Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, ***jenħtieġ li l-awtorità*** tinforma, direttament jew permezz tal- |

| | |
|---|---|
| jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu. Madankollu, ***in-nuqqas*** milli jiġi infurmat Stat Membru ieħor ma ***għandux ikun*** bħala tali r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura. | Awtorità Ċentrali, ***u mingħajr dewmien indebitu,*** lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu. Madankollu, ***jenħtieġ li n-nuqqas*** milli jiġi infurmat Stat Membru ieħor ma ***jikkostitwixxix*** bħala tali r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) F'każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jaf ma jkunux l-aktar awtoritajiet xierqa biex jittrattaw il-każ. ***Fl-aħjar interessi tal-minuri,*** bħala eċċezzjoni u taħt ċerti kondizzjonijiet, ***l-awtorità*** li għandha l-ġurisdizzjoni tista' tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tagħha ***f' każ*** speċifiku ***għal*** awtorità oħra ta' Stat Membru ieħor jekk din l-awtorità hija f'pożizzjoni aħjar biex ***tisma'*** l-każ. Madankollu, f'dan il-każ ***it-tieni*** awtorità ma ***għandiex titħalla tittrasferixxi l-***ġurisdizzjoni ***għal awtorità terza***. | (18) ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-fatt li,*** f'każijiet eċċezzjonali, ***bħal f'każijiet ta' vjolenza domestika jew ibbażata fuq il-ġeneru,*** l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jaf ma jkunux l-aktar awtoritajiet xierqa biex jittrattaw il-każ. Bħala eċċezzjoni u taħt ċerti kondizzjonijiet, ***l-awtorità*** li għandha l-ġurisdizzjoni tista' tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tagħha ***fil-każ*** speċifiku ***lil*** awtorità oħra ta' Stat Membru ieħor jekk din l-awtorità hija f'pożizzjoni aħjar biex ***tittratta*** l-każ. Madankollu, ***jenħtieġ li*** f'dan il-każ ***il-kunsens tat-tieni*** awtorità ***jinkiseb l-ewwel, peress li ladarba tkun aċċettat il-każ din*** ma ***tistax tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni lil awtorità terza. Qabel kwalunkwe trasferiment ta'*** ġurisdizzjoni***, huwa essenzjali li l-aħjar interessi tal-minuri jiġu eżaminati kif dovut u jitqiesu bis-sħiħ***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) ***Il-proċedimenti*** fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ***għandhom*** jirrispettaw id-dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom liberament, u meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minuri, ***għandu jingħata*** l-piż xieraq lil dawn l-ideat. Is-smigħ tal-minuri skont l-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u*** l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal għandu parti importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament, madankollu, mhux maħsub ***sabiex*** jistabbilixxi ***kif jinstemgħu l-minuri, pereżempju, jekk il-minuri jinstemgħux mill-imħallef direttament jew minn espert imħarreġ apposta*** li ***jirraporta lill-qorti wara, jew jekk il-minuri jinstemgħux fl-awla tal-qorti jew f'post ieħor***. | (23) ***Il-proċedimenti*** fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ***jenħtieġ li*** jirrispettaw id-dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom liberament, u meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minuri, ***jenħtieġ li jingħata*** l-piż xieraq lil dawn l-ideat. Is-smigħ tal-minuri skont l-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***,*** l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ***u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18***[1a] għandu parti importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament, madankollu, mhux maħsub ***biex*** jistabbilixxi ***standards minimi komuni fir-rigward tal-proċedura relatata mas-smigħ tal-minuri,*** li ***għadha regolata mid-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri***.<br>______________<br>***[1a] CM/Rec(2012)2 tat-28 ta' Marzu 2012.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex jikkonludu l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 malajr kemm jista' jkun, l-Istati Membri ***għandhom*** jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għal dawn il-poċedimenti fuq ***qorti waħda jew aktar***, filwaqt li jqisu l-istrutturi interni tagħhom għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kif xieraq. Il-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fuq | (26) Sabiex jikkonludu l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 malajr kemm jista' jkun, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għal dawn il-poċedimenti fuq ***numru limitat ta' qorti***, filwaqt li jqisu l-istrutturi interni tagħhom għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kif xieraq. Il-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fuq |

| | |
|---|---|
| għadd limitat ta' qrati fi Stat Membru hija għodda essenzjali u effettiva biex jitħaffef it-trattar ta' każijiet ta' sekwestru ta' minuri f'diversi Stati Membri minħabba l-imħallfin li jisimgħu għadd kbir minn dawn ***il-każi*** jiżviluppaw kompetenza partikulari. Skont l-istruttura tas-sistema ġuridika, il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri tista' tkun ikkonċentrata ***f'qorti waħda għall-pajjiż kollu jew*** f'għadd limitat ta' qrati, bl-użu, pereżempu, ta' għadd ta' qrati tal-appell bħala punt tat-tluq u li jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fuq qorti ġenerali f'kull distrett ta' qorti tal-appell. Kull qorti ***għandha*** tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data li fiha jkunu tressqu r-rikors jew l-appell quddiemha. L-Istati Membri ***għandhom*** jillimitaw l-għadd ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni li tippermetti jew li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri tal-1980 għal appell wieħed. | għadd limitat ta' qrati fi Stat Membru hija għodda essenzjali u effettiva biex jitħaffef it-trattar ta' każijiet ta' sekwestru ta' minuri f'diversi Stati Membri minħabba ***l-fatt li*** l-imħallfin li jisimgħu għadd kbir minn dawn ***il-każijiet*** jiżviluppaw kompetenza partikulari. Skont l-istruttura tas-sistema ġuridika, il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri tista' tkun ikkonċentrata f'għadd limitat ta' qrati, bl-użu, pereżempu, ta' għadd ta' qrati tal-appell bħala punt tat-tluq u li jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fuq qorti ġenerali f'kull distrett ta' qorti tal-appell***, madankollu, mingħajr ma jiġi mminat id-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja min-naħa tal-partijiet u l-puntwalità tal-proċedimenti tar-ritorn***. ***Jenħtieġ li*** kull qorti tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data li fiha jkunu tressqu r-rikors jew l-appell quddiemha. ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jillimitaw l-għadd ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni li tippermetti jew li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri tal-1980 għal appell wieħed. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li s-sentenzi tal-qorti maqtugħa fi Stat Membru jiġu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor. Meta tinqata' sentenza tal-qorti, huwa essenzjali li din trid tiġi rikonoxxuta wkoll fl-Unjoni Ewropea kollha, speċjalment fl-interessi tal-minuri.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) ***Fil-każijiet kollha rigward il-minuri***, u b'mod ***partikulari*** f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ***l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu l-possibbiltà*** li ***jsibu soluzzjonijiet amikevoli permezz ta'*** | (28) ***Il-medjazzjoni tista' tassumi rwol fundamentali għat-tmiem ta' kunflitti***, ***fil-każijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal*** u b'mod ***partikolari fil-każ ta' kunflitti transfruntiera bejn ġenituri dwar il-kustodja u d-dritt ta' aċċess għal minuri u*** |

| | |
|---|---|
| medjazzjoni ***u mezzi xierqa oħrajn***, assistiti, fejn xieraq, b'netwerks eżistenti u strutturi ta' appoġġ għal medjazzjoni f'tilwim dwar responsabbiltà tal-ġenituri transfruntier. Madankollu, dawn l-isforzi ma ***għandhomx itawlu*** bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. | f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri. ***Barra minn hekk, fid-dawl taż-żieda fit-tilwimiet transfruntiera dwar il-kustodja fl-Unjoni Ewropea, fejn m'hemm ebda qafas internazzjonali disponibbli, minħabba l-influssi riċenti tal-migrazzjoni, spiss jinstab li l-medjazzjoni hi l-uniku mezz legali biex il-familji jiġu megħjuna jiksbu soluzzjoni sostenibbli dwar it-tilwimiet fil-familja. Sabiex jippromwovu*** medjazzjoni ***f'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi***, assistiti, fejn xieraq, b'netwerks eżistenti u strutturi ta' appoġġ għal medjazzjoni f'tilwim dwar responsabbiltà tal-ġenituri transfruntier***, jassistu lill-partijiet, qabel jew matul il-proċedimenti ġudizzjarji, fl-għażla ta' medjaturi xierqa u fl-organizzazzjoni tal-medjazzjoni. Jenħtieġ li l-partijiet jingħataw għajnuna finanzjarja sabiex inwettqu l-medjazzjoni, tal-inqas sal-punt fejn huma kienu bbenefikaw jew kellhom jibbenefikaw minn għajnuna legali***. Madankollu, ***jenħtieġ li*** dawn l-isforzi ma ***jtawlux*** bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ***u jenħtieġ li ma jirriżultax f'parteċipazzjoni obbligatorja tal-vittmi ta' kull forma ta' vjolenza, inkluża l-vjolenza domestika, fil-proċedimenti ta' medjazzjoni.***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Biex tiġi offruta alternattiva effettiva għall-proċedimenti tal-qorti fi kwistjonijiet nazzjonali jew internazzjonali tat-tilwimiet fil-familja, huwa essenzjali li l-medjaturi involuti jkun attendew taħriġ speċjalizzat xieraq; It-taħriġ jenħtieġ li jkopri, b'mod partikolari, il-qafas legali tat-tilwim transfruntier fil-familja, il-kompetenza interkulturali u l-għodod għall-ġestjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' sitwazzjonijiet li joħolqu kunflitti, dejjem fid-dawl tal-aħjar interessi tal-minuri. Jenħtieġ li t-taħriġ għall-imħallfin, bħala sors ewlieni potenzjali ta' rinviju għall-medjazzjoni, jindirizza wkoll kif jitħeġġu l-partijiet biex jinvolvu rwieħhom fil-medjazzjoni mill-iktar fis possibbli u kif tiġi inkorporata l-medjazzjoni fil-proċedimenti tal-qorti mingħajr ma jinħoloq dewmien żejjed.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Meta l-qorti jew l-Istat Membru fejn, jew li fih il-minuri jitneħħew jew jinżammu b'mod inġust jiddeċiedu li jirrifjutaw ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fid-deċiżjoni tagħhom ***dawn għandhom*** jirreferu b'mod espliċitu għall-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li fuqhom ikun ibbażat dan ir-rifjut. Madankollu, deċiżjoni bħal din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti , mogħtija waqt il-proċedimenti tal-kustodja wara eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri, mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija jew żamma inġusta. Jekk dik id-deċiżjoni tobbliga r-ritorn tal-minuri, ***ir-ritorn għandu jiġi magħmul*** mingħajr l-ebda proċedura speċjali neċessarja għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dik id-deċiżjoni fl-Istat Membru liema jew f'liema l-minuri ġew imneħħija jew miżmuma. | (30) Meta l-qorti jew l-Istat Membru fejn, jew li fih il-minuri jitneħħew jew jinżammu b'mod inġust jiddeċiedu li jirrifjutaw ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fid-deċiżjoni tagħhom ***jenħtieġ li dawn*** jirreferu b'mod espliċitu għall-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li fuqhom ikun ibbażat dan ir-rifjut ***u jiddikjaraw il-motivi għal dan.*** Madankollu, deċiżjoni bħal din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti, mogħtija waqt il-proċedimenti tal-kustodja wara eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri,mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija jew żamma inġusta. Jekk dik id-deċiżjoni tobbliga r-ritorn tal-minuri, ***jenħtieġ li r-ritorn isir*** mingħajr l-ebda proċedura speċjali neċessarja għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dik id-deċiżjoni fl-Istat Membru liema jew f'liema l-minuri ġew imneħħija jew miżmuma. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (33) Barra minn hekk, l-għan li ***l-litigazzjoni transfruntiera rigward il-minuri tieħu inqas żmien u flus*** jiġġustifika l-abolizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà qabel l-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar għad-deċiżjonijiet kollha dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 abolixxa biss dan ir-rekwiżit għad-deċiżjonijiet li jippermettu l-aċċess u ċerti deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri, dan ir-Regolament issa jipprevedi proċedura unika għall-infurzar transfruntier tad-deċiżjonijiet kollha fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. ***B'riultat*** ta' dan, soġġetta ***għad-dispoizzjonijiet*** ta' dan ir-Regolament, deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ***għandha*** titqies daqs li kieku ttieħdet fl-Istat Membru tal-infurzar. | (33) Barra minn hekk, l-għan li ***jiġi ffaċilitat il-moviment liberu taċ-ċittadini Ewropej*** jiġġustifika l-abolizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà qabel l-infurzar fl-Istat Membru tal-infurzar għad-deċiżjonijiet kollha dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri***, li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. B'mod partikolari, dan se jkollu l-effett li t-tilwim transfruntier li jirrigwarda l-minuri jieħu inqas żmien u flus.*** Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 abolixxa biss dan ir-rekwiżit għad-deċiżjonijiet li jippermettu l-aċċess u ċerti deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' minuri, dan ir-Regolament issa jipprevedi proċedura unika għall-infurzar transfruntier tad-deċiżjonijiet kollha fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ***li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. ***B'riżultat*** ta' dan, soġġetta ***għad-dispożizzjonijiet*** ta' dan ir-Regolament, ***jenħtieġ li*** deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat Membru titqies daqs li kieku ttieħdet fl-Istat Membru tal-infurzar. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-test propost joħroġ mill-kamp ta' applikazzjoni, kif stipulat f'dan ir-Regolament.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 37a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(37a) Jenħtieġ li kwalunkwe rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi li tali rikonoxximent imur kontra l-politika pubblika tal-Istat Membru jkun konformi mal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) F'każijiet speċifiċi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jipprovdu assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Din l-assistenza għandha tinkludi, b'mod partikulari, il-lokazzjoni tal-minuri, direttament jew permezz ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex titwettaq talba skont dan ir-Regolament, u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-minuri għall-finijiet tal-proċedimenti. | (42) F'każijiet speċifiċi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jikkooperaw ma' xulxin biex jipprovdu assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Jenħtieġ li din l-assistenza tinkludi, b'mod partikulari, il-lokazzjoni tal-minuri, direttament jew permezz ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex titwettaq talba skont dan ir-Regolament, u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-minuri għall-finijiet tal-proċedimenti. ***F'każijiet fejn il-ġurisdizzjoni hija fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru li tiegħu l-minuri huwa ċittadin, jenħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istat Membru bil-ġurisdizzjoni jinfurmaw, mingħajr dewmien indebitu, lill-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istat Membru li tiegħu l-minuri huwa ċittadin.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Mingħajr preġudizzju għal ebda rekwiżit skont id-dritt proċedurali nazzjonali tagħha, awtorità rikjedenti għandu jkollha d-diskrezzjoni li tagħżel liberament bejn il-mezzi differenti disponibbli għaliha biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa, pereżempju, f'każ ta' qrati billi japplikaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, billi jużaw in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, b'mod | (44) Mingħajr preġudizzju għal ebda rekwiżit skont id-dritt proċedurali nazzjonali tagħha, jenħtieġ li awtorità rikjedenti jkollha d-diskrezzjoni li tagħżel liberament bejn il-mezzi differenti disponibbli għaliha biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa, pereżempju, f'każ ta' qrati billi japplikaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, billi jużaw in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, b'mod |

partikulari l-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont dan ir-Regolament, l-imħallfin u l-punti ta' kuntatt tan-Netwerk, jew f'każ ta' awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi billi jitolbu informazzjoni permezz ta' organizzazzjoni mhux governattiva speċjalizzata f'dan il-qasam.

partikulari l-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont dan ir-Regolament, l-imħallfin u l-punti ta' kuntatt tan-Netwerk, jew f'każ ta' awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi billi jitolbu informazzjoni permezz ta' organizzazzjoni mhux governattiva speċjalizzata f'dan il-qasam. ***Jenħtieġ li l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-komunikazzjoni internazzjonali jinbdew u/jew jiġu ffaċilitati minn netwerk jew imħallfin ta' kollegament speċifiċi għal dan l-għan f'kull Stat Membru. Jenħtieġ li r-rwol tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew ikun differenzjat minn dak tal-Awtoritajiet Ċentrali.***

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Awtorità ta' Stat Membru li tikkontempla deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri għandha tkun intitolata li titlob għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri mill-awtoritaiet ta' Stat Membru ieħor jekk l-aħjar interessi tal-minuri jkunu jirrikjedu dan. Skont iċ-ċirkustanzi, din tista' tinkludi informazzjoni dwar il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet rigward ġenitur jew aħwa tal-minuri, jew dwar il-kapaċità li ġenitur jieħu ħsieb ta' minuri jew ikollu aċċess għall-minuri. | (46) Jenħtieġ li awtorità ta' Stat Membru li tikkontempla deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri tkun obbligata li titlob għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri mill-awtoritaiet ta' Stat Membru ieħor jekk l-aħjar interessi tal-minuri jkunu jirrikjedu dan. Skont iċ-ċirkustanzi, din tista' tinkludi informazzjoni dwar il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet rigward ġenitur jew aħwa tal-minuri, jew dwar il-kapaċità li ġenitur jew familja tieħu ħsieb ta' minuri jew ikollha aċċess għall-minuri. ***Jenħtieġ li n-nazzjonalità, is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali kif ukoll l-isfond kulturali u reliġjuż ta' ġenitur ma jitqiesux bħala element determinanti meta tittieħed deċiżjoni dwar il-kapaċità tiegħu li jieħu ħsieb minuri.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(46a) Il-komunikazzjoni bejn l-imħallfin, l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet ċentrali, il-professjonisti li jassistu lill-ġenituri u bejn il-ġenituri nfushom jenħtieġ li tiġi promossa b'kull mezz, filwaqt li, fost l-oħrajn, jitqies li deċiżjoni li l-minuri jenħtieġ li ma jiġix ritornat tista' tikser id-drittijiet bażiċi tal-minuri daqs deċiżjoni li jiġi ritornat.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(48a) Meta l-interessi tal-minuri jkunu jirrikjedu dan, jenħtieġ li l-imħallfin jikkomunikaw direttament mal-awtoritajiet ċentrali jew mal-qrati kompetenti fi Stati Membri oħra.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (49) Meta awtorità jew Stat Membru jkunu diġà ħadu deċiżjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jew ikunu qed jikkontemplaw din id-deċiżjoni u l-implimentazzjoni għandha sseħħ fi Stat Membru ieħor, ***l-awtorità tista'*** titlob li l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jassistu fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni. ***Dan għandu*** japplika, pereżempju, għal deċiżjonijiet li jippermettu aċċess sorveljat li għandu jiġi eżerċitat fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn tkun lokalizzata l-awtorità li tordna l-aċċess jew li jinvolvu kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament oħra tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn għandha | (49) Meta awtorità jew Stat Membru jkunu diġà ħadu deċiżjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri jew ikunu qed jikkontemplaw din id-deċiżjoni u l-implimentazzjoni għandha sseħħ fi Stat Membru ieħor, ***jenħtieġ li l-awtorità*** titlob li l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor jassistu fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni. ***Jenħtieġ li dan*** japplika, pereżempju, għal deċiżjonijiet li jippermettu aċċess sorveljat li għandu jiġi eżerċitat fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn tkun lokalizzata l-awtorità li tordna l-aċċess jew li jinvolvu kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament oħra tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru |

| | |
|---|---|
| tiġi implimentata d-deċiżjoni. | fejn għandha tiġi implimentata d-deċiżjoni. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) Meta awtorità ta' Stat Membru tqis it-tqegħid ta' minuri ma' familja tar-rispett jew f'istituzzjoni fi Stat Membru ieħor, għandha sseħħ proċedura ta' konsultazzjoni permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Stati Membri qabel it-tqegħid. L-awtorità li tqis it-tqegħid għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-minuri għandu jitqiegħed qabel ma tordna t-tqegħid. Billi ħafna d-drabi t-qegħid ikun miżura urġenti meħtieġa biex minuri jitneħħa minn sitwazzjoni li tpoġġi l-aħjar interessi tiegħu f'riskju, iż-żmien huwa element essenzjali għal dawn id-deċiżjonijiet. Sabiex titħaffef il-proċedura tal-konsultazzjoni, dan ir-Regolament għalhekk jistabbilixxi b'mod eżawrjenti r-rekwiżiti għat-talba u skadenza għat-tweġiba mill-Istat Membru fejn għandu jitqiegħed il-minuri. Madankollu, il-kundizzjonijiet biex jingħata jew jiġi rifjutat il-kunsens ikomplu jitmexxew mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjest. | (50) Meta awtorità ta' Stat Membru tqis it-tqegħid ta' minuri ma' membri tal-familja, ma' familja tar-rispett jew f'istituzzjoni fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li sseħħ proċedura ta' konsultazzjoni permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Stati Membri qabel it-tqegħid. L-awtorità li tqis it-tqegħid jenħtieġ li tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-minuri għandu jitqiegħed qabel ma tordna t-tqegħid. Billi ħafna d-drabi t-qegħid ikun miżura urġenti meħtieġa biex minuri jitneħħa minn sitwazzjoni li tpoġġi l-aħjar interessi tiegħu f'riskju, iż-żmien huwa element essenzjali għal dawn id-deċiżjonijiet. Sabiex titħaffef il-proċedura tal-konsultazzjoni, dan ir-Regolament għalhekk jistabbilixxi b'mod eżawrjenti r-rekwiżiti għat-talba u skadenza għat-tweġiba mill-Istat Membru fejn għandu jitqiegħed il-minuri. Madankollu, il-kundizzjonijiet biex jingħata jew jiġi rifjutat il-kunsens ikomplu jitmexxew mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjest. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (51) ***Kwalunkwe tqegħid fit-tul ta' minuri barra minn pajjiżhom għandu jkun*** f'konformità mal-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (id-dritt li jinżamm kuntatt personali mal-ġenituri) u mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar | (51) ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-istat li jqisu t-tqegħid ta' minuri jaġixxu*** f'konformità mal-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (id-dritt li jinżamm kuntatt personali mal-ġenituri) u mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat- |

| | |
|---|---|
| id-Drittijiet tat-Tfal, notevolment l-Artikoli 8, 9 u 20. B'mod partikulari, meta jitqiesu s-soluzzjonijiet, ***għandha*** tingħata l-importanza dovuta lix-xewqa ta' kontinwità fit-trobbija tal-minuri u lill-kuntest etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-minuri. | Tfal, notevolment l-Artikoli 8, 9 u 20. B'mod partikulari, meta jitqiesu s-soluzzjonijiet, ***jenħtieġ li*** tingħata l-importanza dovuta ***lill-possibbiltà li aħwa jitqiegħdu fl-istess familja ospitanti jew fl-istess istituzzjoni u*** lix-xewqa ta' kontinwità fit-trobbija tal-minuri u lill-kuntest etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-minuri. ***F'każ, b'mod partikolari, ta' tqegħid fit-tul ta' minuri barra minn pajjiżu, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti dejjem iqisu l-ewwel il-possibbiltà ta' tqegħid tal-minuri ma' qraba li jgħixu f'pajjiż ieħor, jekk il-minuri jkun stabbilixxa relazzjoni ma' dawk il-membri tal-familja u wara li tkun saret valutazzjoni individwali tal-aħjar interessi tal-minuri. Tali tqegħid fit-tul jenħtieġ li jkun soġġett għal reviżjoni perjodika fir-rigward tal-ħtiġijiet u l-aħjar interessi tal-minuri.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament japplika, tkun xi tkun in-natura ***tal- awtorità*** ġudizzjarja jew amministrattiva , fi kwistjonijiet ċivili dwar: | 1. Dan ir-Regolament japplika, tkun xi tkun in-natura ***tal-awtorità*** ġudizzjarja jew amministrattiva ***jew awtorità oħra bil-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, fi kwistjonijiet ċivili dwar: |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) sekwestru internazzjonali ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***minuri;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-tqegħid tal-minuri ma' familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali; | (d) it-tqegħid tal-minuri ma' ***membri tal-familja,*** familja tar-rispett jew f'kustodja istituzzjonali ***sikura barra mill-pajjiż***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "awtorità" tfisser kull awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva fl-Istati Membri bil-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt u li huma inklużi fil-kompetenza ta' dan ir-Regolament ; | 1. "awtorità" tfisser kull awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe awtorità oħra fl-Istati Membri bil-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***"Stat Membru"*** tfisser l-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tad- | 3. ***"Stat Membru"*** tfisser l-Istati Membri kollha ***tal-Unjoni Ewropea*** bl- |

| | |
|---|---|
| Danimarka; | eċċezzjoni tad-Danimarka; |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***"deċiżjoni"*** tfisser digriet, ordni ***jew*** sentenza ta' awtorità ta' Stat Membru rigward divorzju, separazzjoni legali, annullament taż-żwieġ jew responsabbiltà tal-ġenituri**,** ; | 4. ***"deċiżjoni"*** tfisser digriet, ordni**,** sentenza ta' awtorità ta' Stat Membru**, *jew strument awtentiku infurzabbli fi Stat Membru jew ftehim bejn il-partijiet li huwa infurzabbli fl-Istat Membru fejn ġie konkluż*** rigward divorzju, separazzjoni legali, annullament taż-żwieġ jew responsabbiltà tal-ġenituri; |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***"tneħħija jew żamma inġusta"*** tfisser it-tneħħija jew iż-żamma tal-minuri fejn: | 12. ***"sekwestru internazzjonali ta' minuri"*** tfisser it-tneħħija jew iż-żamma tal-minuri fejn: |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-awtoritajiet*** ta' Stat Membru | 1. ***L-awtoritajiet*** ta' Stat Membru |

| | |
|---|---|
| għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru. ***Meta*** minuri jiċċaqalqu legalment minn Stat Membru għal ieħor u jiksbu residenza abitwali ġdida hemmhekk, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ġdida għandu jkollhom ġurisdizzjoni. | għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru. ***Meta*** minuri jiċċaqalqu legalment minn Stat Membru għal ieħor u jiksbu residenza abitwali ġdida hemmhekk, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ġdida għandu jkollhom ġurisdizzjoni***, sakemm li l-partijiet ma jaqblux qabel iċ-ċaqliq li l-ġurisdizzjoni għandha tibqa' kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali sa dak iż-żmien***. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'każ ta' proċedimenti pendenti relatati mad-dritt ta' kustodja u d-dritt ta' aċċess, l-awtorità tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tibqa' żżomm il-ġurisdizzjoni sat-tmiem tal-proċedimenti, sakemm il-partijiet ma jaqblux li jtemmu l-proċedimenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-arranġamenti għandhom ikunu tali li jeliminaw il-possibbiltà li l-minuri jiġu ttrasferiti f'pajjiż ieħor bl-għan li tiġi evitata l-possibbiltà ta' deċiżjoni mhux favorevoli ta' awtorità.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Paragrafu 1 ma japplikax jekk id-detentur tad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-paragrafu 1 aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ġdida tal-minuri billi jipparteċipa fi proċedimenti quddiem dawk l-awtoritajiet mingħajr ma jikkontesta l- | 2. Il-Paragrafu 1 ma għandux japplika jekk id-detentur tad-dritt ta' aċċess imsemmi fil-paragrafu 1, wara li ġie infurmat mill-awtoritajiet tar-residenza abitwali tiegħu dwar l-implikazzjonijiet legali, aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza |

| | |
|---|---|
| ġurisdizzjoni tagħhom. | abitwali ġdida tal-minuri billi jipparteċipa, minkejja din l-informazzjoni, fi proċedimenti quddiem dawk l-awtoritajiet mingħajr ma jikkontesta l-ġurisdizzjoni tagħhom. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) fi żmien sena wara li d-detentur tad-drittijiet ta' kustodja jkun kellu jew kellu jkollu informazzjoni dwar fejn ***kienu l-minuri***, ***ma tkun saret*** l-ebda talba ***għar-ritorn ppreżentata*** quddiem l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn il-minuri ***jkunu ġew imneħħija*** jew ***miżmuma***; | (i) fi żmien sena wara li d-detentur tad-drittijiet ta' kustodja jkun kellu jew kellu jkollu informazzjoni dwar fejn ***jinsab il-minuri***, ***u dan minkejja l-fatt li hu ġie informat mill-awtoritajiet legali bir-rekwiżit legali li jressaq talba għar-ritorn,*** l-ebda talba ***bħal din ma tressqet*** quddiem l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn il-minuri ***jkun tneħħa*** jew ***miżmum***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-imħallfin magħżula għandhom ikunu l-imħallfin tal-familja li jeżerċitaw il-professjoni u li kisbu esperjenza f'dan ir-rigward, b'mod partikolari b'esperjenza fi kwistjonijiet li jkollhom dimensjoni ġurisdizzjonali transkonfinali.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każijiet urġenti, l-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri jew il-proprjetà li jippossedu l-minuri hija preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi fir-rigward tal-minuri jew tal-proprjetà | F'każijiet urġenti, l-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri jew il-proprjetà li jippossedu l-minuri hija preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi fir-rigward tal-minuri jew tal-proprjetà***. Tali miżuri ma għandhomx idewmu bla bżonn il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet finali dwar il-kustodja u d-drittijiet ta' aċċess.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi, l-awtorità li tkun ħadet il-miżuri protettivi għandha tinforma lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament dwar il-mertu tal-każ, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60. | Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi, l-awtorità li tkun ħadet il-miżuri protettivi għandha tinforma lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament dwar il-mertu tal-każ, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60. ***Din l-awtorità għandha tiżgura li l-ġenituri involuti fil-proċedimenti jkunu ttrattati b'mod ugwali, u għandha tiżgura li jkunu kompletament infurmati dwar il-miżuri rilevanti mingħajr dewmien u b'lingwa li jifhmu sew.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 ma ***jibqgħux*** japplikaw hekk kif l-awtorità tal-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament ***skont*** il-mertu tal-każ tkun ħadet il-miżuri li | 2. Il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 ma ***għandhom jieqfu*** japplikaw hekk kif l-awtorità tal-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament ***fuq*** il-mertu tal-każ tkun ħadet il-miżuri li |

| | |
|---|---|
| dehrilha xierqa. | dehrilha xierqa ***u mill-mument li din tinnotifika dawk il-miżuri lill-awtorità tal-Istat Membru li fih ittieħdu l-miżuri proviżorji***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, fuq talba ta' awtorità li quddiemha titressaq it-tilwima, kwalunkwe awtorità oħra adita għandha mingħajr dewmien tinforma lill-awtorità li għamlet it-talba bid-data meta ġiet adita skont l-Artikolu 15.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 20 | Artikolu 20 |
| Dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom | Dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom |
| Meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minuri li jkunu kapaċi jifformulaw l-ideat tagħhom jingħataw l-opportunità ġenwina u effettiva li jesprimu dawk l-ideat liberament waqt il-proċedimenti. | Meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minuri li jkunu kapaċi jifformulaw l-ideat tagħhom jingħataw l-opportunità ġenwina u effettiva li jesprimu dawk l-ideat liberament waqt il-proċedimenti***, skont il-liġi proċedurali nazzjonali rilevanti, l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u -r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill*** |

***tal-Ewropa dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18[1a]. L-awtoritajiet għandhom jiddokumentaw il-kunsiderazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward fid-deċiżjoni.***

***Is-smigħ ta' minuri li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jesprimu l-ideat tagħhom għandu jsir minn imħallef jew minn espert imħarreġ apposta skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, mingħajr l-ebda pressjoni, b'mod partikolari l-pressjoni tal-ġenituri, taħt kundizzjonijiet addattati għat-tfal xierqa għall-età tagħhom f'termini ta' lingwa u kontenut u għandu jipprovdi l-garanziji kollha li jippermettu l-protezzjoni tal-integrità emozzjonali u l-aħjar interessi tal-minuri.***

***Is-smigħ tal-minuri ma għandux isir fil-preżenza tal-partijiet fil-proċedimenti jew ir-rappreżentanti legali tagħhom, iżda għandu jiġu rreġistrat u miżjud mad-dokumentazzjoni b'tali mod li l-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom ikollhom l-opportunità li jaraw ir-reġistrazzjoni tas-smigħ.***

| | |
|---|---|
| L-awtorità għandha tqis kif xieraq l-ideat tal-minuri f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom u tirreġistra l-kunsiderazzjonijiet tagħhom fid-deċiżjoni. | L-awtorità għandha tqis kif xieraq l-ideat tal-minuri f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom***, filwaqt li tqis l-aħjar interessi tal-minuri,*** u tirreġistra l-kunsiderazzjonijiet tagħhom fid-deċiżjoni. |

***[1a] CM/Rec(2012)2 tat-28 ta' Marzu 2012.***

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kmieni kemm jista' jkun fil-proċedimenti, il-qorti għandha teżamina jekk il-partijiet humiex lesti li jinvolvu ruħhom f'medjazzjoni biex, fl-aħjar interessi tal-minuri, jaslu għal soluzzjoni miftehma, diment li dan ma jtawwalx il- | 2. Kmieni kemm jista' jkun fil-proċedimenti, il-qorti għandha teżamina jekk il-partijiet humiex lesti li jinvolvu ruħhom f'medjazzjoni biex, fl-aħjar interessi tal-minuri, jaslu għal soluzzjoni miftehma, diment li dan ma jtawwalx il- |

| | |
|---|---|
| proċedimenti bla bżonn. | proċedimenti bla bżonn. ***F'dan il-każ, il-qorti għandha titlob lill-partijiet biex jagħmlu użu minn medjazzjoni.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-qorti tista' tiddikjara d-deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri infurzabbli b'mod provviżorju minkejja kull appell, anke jekk id-dritt nazzjonali ma jipprevedix din l-infurzabbiltà provviżorja. | 3. Il-qorti tista' tiddikjara d-deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri infurzabbli b'mod provviżorju minkejja kull appell, anke jekk id-dritt nazzjonali ma jipprevedix din l-infurzabbiltà provviżorja***, filwaqt li tqis l-aħjar interessi tal-minuri***. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a Meta awtorità ġudizzjarja tkun ordnat ir-ritorn tal-minuri, din għandha tinnotifika lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija inġusta ta' tali deċiżjoni u d-data li fiha din tidħol fis-seħħ.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta d-deċiżjoni ma tkunx infurzata fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-proċedimenti tal-infurzar ikunu nbdew, il-qorti tal-Istat Membru tal-infurzar għandha tinforma lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti fl-Istat Membru ta' oriġini, jew lir-rikorrent, jekk il-proċedimenti ***kinux*** ġew istitwiti mingħajr l-assistenza tal-Awtorità Ċentrali, dwar dan il-fatt u r-raġunijiet. | 4. Meta d-deċiżjoni ma tkunx infurzata fi żmien sitt ġimgħat minn meta l-proċedimenti tal-infurzar ikunu nbdew, il-qorti tal-Istat Membru tal-infurzar għandha tinforma ***kif xieraq*** lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti fl-Istat Membru ta' oriġini, jew lir-rikorrent, jekk il-proċedimenti ***kienu*** ġew istitwiti mingħajr l-assistenza tal-Awtorità Ċentrali, dwar dan il-fatt u r- |

| | |
|---|---|
| | raġunijiet ***u għandha tipprovdi l-ħin stmat tal-infurzar***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jekk jidher ċar li l-imsemmi rikonoxximent huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat Membru fejn ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub; or | (a) jekk jidher ċar li l-imsemmi rikonoxximent huwa kuntrarju għall-politika pubblika tal-Istat Membru fejn ir-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub**,** ***għalkemm dan ir-rifjut jista' ma jwassalx għal xi forma ta' diskriminazzjoni projbita bl-Artikolu 21 tal-Karta***; or |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Rigward l-applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, ***ir-rikonoxximent ta'*** deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ***għandu jiġi rifjutat*** : | 1. Rigward l-applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ***ma għandhiex tkun rikonoxxuta***: |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***meta*** tkun ġiet mogħtija b'kontumaċja jekk il-kontumaċi ma jkunx ġie notifikat bid-dokument li istitwixxa l- | (b) ***meta d-deċiżjoni*** tkun ġiet mogħtija b'kontumaċja jekk il-kontumaċi ma jkunx ġie notifikat bid-dokument li istitwixxa l- |

| | |
|---|---|
| proċedimenti jew b'xi dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li jkun ħalla dik il-persuna tirranġa għad-difiża tagħha ħlief jekk jiġi ddeterminat li dik il-persuna tkun aċċettat id-deċiżjoni b'mod inekwivokabbli; or | proċedimenti jew b'xi dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li jkun ħalla dik il-persuna tirranġa għad-difiża tagħha ħlief jekk jiġi ddeterminat li dik il-persuna tkun aċċettat id-deċiżjoni b'mod inekwivokabbli; or |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rikorrent li fl-Istat Membru tal-oriġini, kien ibbenefika minn għajnuna legali kompluta jew parzjali jew minn eżenzjoni mill-kostijiet u mill-ispejjeż għandu jkun ***intitulat***, fil-proċedimenti stabbiliti fl-Artikolu 27(3)***,*** u fl-Artikoli 32, 39 u 42 biex jibbenefika mill-għajnuna legali li tkun l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estensiva mill-kostijiet u mill-ispejjeż stabbiliti mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar. | Ir-rikorrent li fl-Istat Membru tal-oriġini, kien ibbenefika minn għajnuna legali kompluta jew parzjali***, minn għajnuna finanzjarja għall-użu ta' medjazzjoni*** jew minn eżenzjoni mill-kostijiet u mill-ispejjeż għandu jkun ***intitolat***, fil-proċedimenti stabbiliti fl-Artikolu 27(3) u fl-Artikoli 32, 39 u 42 biex jibbenefika mill-għajnuna legali li tkun l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estensiva mill-kostijiet u mill-ispejjeż stabbiliti mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdu, fuq talba mill-Awtorità Ċentral ta' Stat Membru ieħor, assistenza biex jinstab fejn qiegħed minuri meta jkun jidher li l-minuri jista' jkun preżenti fit-territorju tal-Istat Membru rikjest u d-determinazzjoni ta' fejn qiegħed il-minuri | (a) jipprovdu, fuq talba mill-Awtorità Ċentral ta' Stat Membru ieħor, assistenza biex jinstab fejn qiegħed minuri meta jkun jidher li l-minuri jista' jkun preżenti fit-territorju tal-Istat Membru rikjest u d-determinazzjoni ta' fejn qiegħed il-minuri |

| | |
|---|---|
| tkun meħtieġa ***biex issir talba skont*** dan ir-Regolament; | tkun meħtieġa ***għall-applikazzjoni ta'*** dan ir-Regolament; |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' din l-emenda huwa li tadatta l-proposta ta' riformulazzjoni għall-eliminazzjoni ġeneralizzata proposta tal-exequatur. Huwa diskuttabbli jekk l-infurzar awtomatiku jistax jitqies bħala "talba" u b'hekk dan jista' jwassal għal konfużjoni żejda.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet , u partikolarment għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14, ***l-Artikolu*** 25(1)(a), l-Artikolu 26(2) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(4); | (d) jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ***tal-qrati***, u partikolarment għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14, ***19, l-Artikolu*** 25(1)(a), l-Artikolu 26(2) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(4); |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jinfurmaw lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri dwar l-għajnuna u l-assistenza legali, pereżempju assistenza provduta minn avukati bilingwi speċjalizzati, sabiex jiġi evitat li d-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom mingħajr ma jkunu fehmu l-portata ta' dak il-kunsens.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ***Jiżguraw*** li meta jniedu jew jiffaċilitaw l-istituzzjoni tal-proċedimenti tal-qorti għar-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, ir-reġistru mħejji fid-dawl ta' dawn il-proċedimenti, ħlief meta jkun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jagħmlu dan impossibbli, ikun komplut fi żmien sitt ġimgħat. | (g) ***jiżguraw*** li meta jniedu jew jiffaċilitaw l-istituzzjoni tal-proċedimenti tal-qorti għar-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, ir-reġistru mħejji fid-dawl ta' dawn il-proċedimenti, ħlief meta jkun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jagħmlu dan impossibbli, ikun komplut ***u ppreżentat quddiem il-qorti jew awtorità kompetenti oħra*** fi żmien sitt ġimgħat. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fuq talba b'raġunijiet li jsostnuha mill-Awtorità Ċentrali jew awtorità ta' Stat Membru li l-minuri jkollu rabta sostanzjali magħha, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn il-minuri jkun resident abitwali u preżenti ***tista'***, direttament jew permezz ta' awtoritajiet jew korpi oħrajn: | 1. Fuq talba b'raġunijiet li jsostnuha mill-Awtorità Ċentrali jew awtorità ta' Stat Membru li l-minuri jkollu rabta sostanzjali magħha, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn il-minuri jkun resident abitwali u preżenti ***għandha***, direttament jew permezz ta' awtoritajiet jew korpi oħrajn: |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta tiġi kkontemplata deċiżjoni fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri, awtorità ta' Stat Membru, jekk is-sitwazzjoni tal-minuri tkun teħtieġ dan, ***tista'*** titlob lil kwalunkwe awtorità ta' Stat Membru ieħor li jkollha informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri biex tikkomunika dik l-informazzjoni. | 2. Meta tiġi kkontemplata deċiżjoni fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri, awtorità ta' Stat Membru, jekk is-sitwazzjoni tal-minuri tkun teħtieġ dan, ***għandha*** titlob lil kwalunkwe awtorità ta' Stat Membru ieħor li jkollha informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tal-minuri biex tikkomunika dik l-informazzjoni. |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Waqt l-eżami ta' kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn il-minuri jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom għandha tinforma, mingħajr dewmien indebitu, lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li l-minuri jew ġenitur tagħhom ikun ċittadini tiegħu bl-eżistenza tal-proċedimenti pendenti.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Awtorità ta' Stat Membru ***tista'*** titlob lill-awtoritajiet ta' Stat Membru biex jassistu fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri meħuda skont dan ir-Regolament, speċjalment għal-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess kif ukoll tad-dritt li jinżamm kuntatt dirett fuq bażi regolari. | 3. Awtorità ta' Stat Membru ***għandha*** titlob lill-awtoritajiet ta' Stat Membru biex jassistu fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri meħuda skont dan ir-Regolament, speċjalment għal-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess kif ukoll tad-dritt li jinżamm kuntatt dirett fuq bażi regolari. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri ma jkunux residenti abitwali għandhom, fuq talba ***minn persuna li tirrisjedi*** f'dak l-Istat Membru ***li tkun*** qed ***tfittex li tikseb*** jew ***li żżomm*** l-aċċess għall-minuri, jew fuq talba minn Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru, jiġbru l-informazzjoni jew l-evidenza, u jistgħu | 5. L-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri ma jkunux residenti abitwali għandhom, fuq talba ***ta' ġenitur jew membru tal-familja residenti*** f'dak l-Istat Membru ***u li*** qed ***jipprovaw jiksbu*** jew ***iżżommu*** l-aċċess għall-minuri, jew fuq talba minn Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru ***ieħor***, jiġbru l-informazzjoni jew |

| | |
|---|---|
| ***jagħmlu sejba skont*** l-idoneità ta' ***dik il-persuna*** biex ***teżerċita*** l-aċċess u ***skont*** il-kundizzjonijiet ***li bihom għandu jiġi eżerċitat dak l-aċċess***. | l-evidenza, u jistgħu ***jiddeċiedu fuq*** l-idoneità ta' ***dawk il-persuni*** biex ***jeżerċitaw*** l-aċċess u ***fuq*** il-kundizzjonijiet ***ta' tali eżerċizzju***. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Awtorità ta' Stat Membru tista' titlob lill-Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru ieħor tipprovdi informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru fir-rigward ta' kwistjonijiet li ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li huma rilevanti għall-eżaminazzjoni ta' każ skont dan ir-Regolament. L-awtorità tal-Istat Membru rikjest għandha tirrispondi fl-iqsar żmien possibbli.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Meta*** awtorità li għandha l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament tikkontempla t-tqegħid tal-minuri ***f'istitut jew ma' familja*** tar-rispett fi Stat Membru ieħor, l-ewwel għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor. ***Għal*** dan il-għan, permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru proprju tagħha, hija għandha twassal talba għal kunsens lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn għandu jitqiegħed il-minuri li tinkludi rapport dwar il-minuri flimkien ma' raġunijiet għat-tqegħid propost jew għall-għoti ta' kura. | 1. ***Meta*** awtorità li għandha l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament tikkontempla t-tqegħid tal-minuri ***ma' membri tal-familja, f'familji*** tar-rispett ***jew f'kura istituzzjonali sikura*** fi Stat Membru ieħor, l-ewwel għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor. ***Għal*** dan il-għan, permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru proprju tagħha, hija għandha twassal talba għal kunsens lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru fejn għandu jitqiegħed il-minuri li tinkludi rapport dwar il-minuri flimkien ma' raġunijiet għat-tqegħid propost jew għall-għoti ta' kura. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw lill-ġenituri u lill-qraba tal-minuri d-dritt*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-kuntatt regolari mill-qrib, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom, ħlief fil-każijiet fejn dan ikun ta' periklu għall-benesseri tal-minuri.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk l-awtorità kompetenti beħsiebha tibgħat assistenti soċjali fi Stat Membru ieħor sabiex jiġu ddeterminati jekk it-tqegħid hemmhekk humiex kompatibbli mal-benesseri tal-minuri, din għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat kif xieraq.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Kull*** Awtorità Ċentrali għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha. | 4. ***Ħlief fejn ġie miftiehem mod ieħor bejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba u l-Istat Membru li ssirlu t-talba, kull*** Awtorità Ċentrali għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa ***[10*** snin wara d-data tal-applikazzjoni] | Sa ***[ħames*** snin wara d-data tal- |

| | |
|---|---|
| il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-evalwazzjoni ex post ta' dan ir-Regolament ***bl-appoġġ tal-informazzjoni*** fornita mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat jekk hemm bżonn bi proposta leġiżlattiva. | applikazzjoni] il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-evalwazzjoni ex post ta' dan ir-Regolament ***sostnuta bl-informazzjoni*** fornita mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat jekk hemm bżonn bi proposta leġiżlattiva. |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda meħtieġa biex tinżamm il-loġika interna tat-test.*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) L-għadd tal-każijiet u d-deċiżjonijiet fil-proċedimenti tal-medjazzjoni li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri;*** |

## NOTA SPJEGATTIVA

I. Kamp ta' Applikazzjoni

Din il-proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (Regolament Brussell Iia) tikkostitwixxi inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

Fost iż-żewġ oqsma koperti mir-Regolament, il-kwistjonijiet matrimonjali u tar-responsabbiltà tal-ġenituri, dawn tal-aħħar ġew identifikati fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-Kummissjoni Ewropea u f'għadd ta' studji mwettqa, bħala li kkawżaw problemi serji u li jeħtieġu soluzzjoni urġenti. Għalhekk, l-effiċjenza globali ta' ċerti aspetti tal-proċedimenti relatati mal-minuri ngħatat attenzjoni speċjali, inklużi l-kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sekwestru ta' minuri minn ġenitur, it-tqegħid transfruntier tal-minuri, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

II. Il-proċeduri tar-ritorn

L-għan ta' din ir-riformulazzjoni huwa li ttejjeb l-effiċjenza tar-ritorn ta' minuri sekwestrat. L-ewwel, il-proposta tipprevedi perjodu massimu ta' 18-il xahar għall-istadji possibbli kollha, jiġifieri limitu ta' żmien separat ta' 6 ġimgħat qabel ma l-Awtoritajiet Ċentrali jirċievu u jipproċessaw l-applikazzjoni għar-ritorn ta' minuri (l-Artikolu 63(1)); limitu ta' żmien addizzjonali ta' 6 ġimgħat għall-proċedimenti quddiem il-qorti tal-ewwel istanza u limitu ta' żmien finali ta' 6 ġimgħat quddiem il-qorti tal-appell (l-Artikolu 23(1)). It-tieni, din tillimita l-għadd ta' possibbiltajiet ta' appell għal wieħed (l-Artikolu 25(4)) u tobbliga lill-Istati Membri fejn il-minuri kien abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma inġusta biex iwettqu eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar il-kustodja, is-smigħ għal dik il-kwistjoni, diment li li minuri jkun kapaċi jifforma l-fehmiet tiegħu.

Il-proposta tipprovdi wkoll konċentrazzjoni ta' ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru tal-minuri fi qrati speċjalizzati (l-Artikolu 22). Dawn il-qrati jeħtieġ li jiġu identifikati mill-Istati Membri u mbagħad jiġu notifikati lill-Kummissjoni. Din tidher bħala waħda mill-aktar innovazzjonijiet importanti tal-proposta, li tista' tikkontribwixxi għall-applikazzjoni korretta tar-regoli rilevanti fiż-żmien magħżul. Madankollu, għandu jiġi nnutat li l-konċentrazzjoni ta' ġurisdizzjoni ma għandhiex timmuna l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja u l-prontezza tal-proċedimenti tar-ritorn, speċjalment fi Stati Membri akbar.

Barra minn hekk, il-proposta tfittex li ttejjeb l-applikazzjoni prattika tal-hekk imsejjaħ "mekkaniżmu prevalenti" fl-Artikolu 26(2)-(4), billi tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita wara li tinħareġ ordni biex ma jsirx ritorn fl-Istat tar-rifuġju abbażi tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Dan joffri lill-qorti tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma inġusta, li l-ġurisdizzjoni tkun għad trid tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-possibbiltà li "tinjora" kwalunkwe deċiżjoni mill-qorti tar-ritorn billi toħroġ deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri. Il-proposta ta' riformulazzjoni tintroduċi obbligu ġdid li jiġu tradotti d-dokumenti fil-lingwa uffiċjali tal-istat li fih ikunu mibgħuta, billi l-qorti hija meħtieġa wkoll li tirrevedi l-kwistjoni tal-kustodja tal-

minuri billi tqis l-aħjar interessi tal-minuri, kif ukoll ir-raġunijiet u l-evidenza għad-deċiżjoni li ma jiġix irritornat il-minuri.

Finalment, f'każijiet ta' riskju gravi ta' ħsara għall-minuri jew inkella ta' sitwazzjoni intollerabbli jekk jiġi ritornat lejn il-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu mingħajr ebda salvagwardja, il-proposta tintroduċi l-possibbiltà li l-qorti tal-Istat Membru tar-rifuġju tieħu miżuri protettivi urġenti (l-Artikolu 25(1)(b)).

III. L-abolizzjoni tal-exequatur

Il-verżjoni attwali ta' Brussell IIa diġà abolixxiet il-proċedura għad-dikjarazzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor infurzabbli ("exequatur") għad-drittijiet ta' aċċess u ċerti deċiżjonijiet tar-ritorn. Il-proposta ta' riformulazzjoni tabolixxi l-proċedura ta' exequatur għad-deċiżjonijiet kollha koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, inklużi d-drittijiet ta' kustodja, l-ordnijiet ta' protezzjoni tal-minuri u l-ordnijiet ta' tqegħid. Dan l-iżvilupp huwa akkumpanjat minn salvagwardji proċedurali relatati mad-dritt tal-konvenuti għal proċess ġust u rimedju effettiv iggarantit fl-Artikolu 41 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. F'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, dan jippermetti liċ-ċittadini Ewropej involuti f'tilwim transfruntier biex jiffrankaw medja ta' EUR 2,200 għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, kif ukoll jeliminaw id-dewmien.

IV. L-obbligu li jinstema' l-minuri

Is-smigħ tal-minuri huwa suġġett sensittiv u d-dritt jirriżulta mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Minuri tal-1989, li jissemma wkoll fl-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. La l-Konvenzjoni tal-1996 u lanqas il-Konvenzjoni tal-1980 ma jistipulaw rekwiżit ġenerali li jagħtu lill-minuri li huwa kapaċi jifforma l-fehmiet tiegħu stess l-opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimi dawk il-fehmiet b'mod liberu fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi skont dawn il-Konvenzjonijiet. Tali rekwiżit ġenerali issa huwa inkluż fil-proposta ta' riformulazzjoni. Madankollu, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn, minn naħa waħda, l-obbligu li l-minuri jingħata l-opportunità li jinstema' meta dan ikun kapaċi jifforma l-fehmiet tiegħu (l-Artikolu 20(1)), u min-naħa l-oħra, l-importanza li l-imħallef għandu jagħti lill-fehmiet tal-minuri (l-Artikolu 20(2)).

Fid-dawl ta' dan, peress li s-smigħ tal-minuri jista' jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni adegwata tal-aħjar interess tal-minuri f'każ partikolari (b'mod partikolari f'każijiet ta' sekwestru), ir-rapporteur jenfasizza l-ħtieġa li l-possibbiltà li l-minuri jesprimi l-fehma tiegħu tingħata attenzjoni speċjali. Għalhekk, jenħtieġ li tali kunsiderazzjoni tiġi rrappurtata kif xieraq fid-deċiżjonijiet tal-qrati.

Barra minn hekk, il-proposta ma tbiddilx ir-regoli u l-prattiki tal-Istati Membri dwar kif jinstema' minuri quddiem qorti. Madankollu, din tirrikjedi rikonoxximent reċiproku bejn is-sistemi legali, jiġifieri li qorti f'pajjiż ma jirrifjutax li jirrikonoxxi deċiżjoni ta' pajjiż ieħor fuq is-sempliċi fatt li smigħ ta' minuri f'pajjiż ieħor sar b'mod differenti meta mqabbel mal-istandards applikati minn dik il-qorti (l-Artikolu 38).

V. Infurzar ta' deċiżjonijiet

L-għan tar-riformulazzjoni proposta huwa li tindirizza l-problema tal-infurzar ineffiċjenti. L-ewwel, l-applikazzjoni għall-infurzar trid issir f'qorti fl-Istat Membru ta' infurzar billi jintużaw il-proċeduri, il-mezzi u l-modalitajiet ta' dak l-Istat Membru għal dik il-kwistjoni. Barra minn hekk, fil-każ li l-infurzar ma jkunx seħħ wara li jkunu għaddew sitt ġimgħat mill-mument li jkunu nbdew il-proċedimenti tal-infurzar, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat Membru ta' oriġini jew l-applikant ikollhom jiġu infurmati dwar dan il-fatt u dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' infurzar fil-ħin. Finalment, il-proposta tintroduċi raġunijiet speċifiċi ta' politika pubblika biex jiġu ssalvagwardjati l-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 40).

VI. Ir-rwol tal-medjazzjoni

Il-proposta ta' riformulazzjoni tintroduċi obbligu espliċitu għall-qrati biex ifittxu b'mod attiv li jippromwovu l-medjazzjoni, jeżaminaw għal dak l-għan fi stadju bikri kemm jista' jkun matul il-proċedimenti l-possibbiltà li l-partijiet jinvolvu ruħhom fil-medjazzjoni sabiex tinkiseb soluzzjoni amikevoli fl-aħjar interessi tal-minuri (l-Artikolu 23(2)). Madankollu, tali sforzi jenħtieġ li ma jirriżultawx f'dewmien żejjed fil-proċedimenti tar-ritorn.

VII. Ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali u tal-awtoritajiet l-oħra li ssirilhom it-talba

Il-proposta ta' riformulazzjoni tirrinforza wkoll ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali billi tipprovdi li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jiżguraw li l-Awtoritajiet Ċentrali jkollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi assenjati lilhom skont ir-Regolament (l-Artikolu 61). Mad-dħul fis-seħħ ta' strumenti tal-Unjoni u internazzjonali differenti, dawn l-awtoritajiet kisbu kompetenzi, li wassal għal żieda fl-ammont tax-xogħol tagħhom. Għalhekk, dawn għandhom jiġu pprovduti b'finanzjament u riżorsi umani suffiċjenti biex jissodisfaw ir-rwol tagħhom. Speċifikament, l-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Stati involuti fil-każijiet tas-sekwestru tat-tfal jeħtieġ li jinfurmaw lil xulxin u jkunu aġġornati dwar każijiet indirizzati fil-qrati. Għalhekk, il-proposta ta' riformulazzjoni tqis li l-Awtoritajiet Ċentrali huma aktar involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji dwar ir-ritorn u fl-investigazzjoni tal-każ, l-appoġġ tal-partijiet u l-promozzjoni tal-medjazzjoni.

VIII. Il-ħtiġijiet ta' taħriġ

L-għadd ta' premessi u Artikoli fir-riformulazzjoni proposta żdied b'mod sinifikanti; ħafna minnhom żdiedu fit-tul; ħafna minnhom se jiġu emendati b'mod sostanzjali u nnumerati mill-ġdid. Dan se jirrikjedi l-ħolqien ta' għodda ta' taħriġ sempliċi, fil-forma ta' gwida sistematika tal-emendi u n-novitajiet kollha, li turi kif dawn huma konnessi. Barra minn hekk, it-taħriġ fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali jenħtieġ li jiġi promoss f'tentattiv biex titqajjem kuxjenza dwar ir-riformulazzjoni, il-kontenut tagħha u l-konsegwenzi għall-prattikanti, kif ukoll bħala mezz sabiex jingħata kontribut għall-ħolqien ta' fiduċja reċiproka bejn il-ġudikatura tal-Istati Membri.

IX. Konklużjoni

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur iqis li din il-proposta għal Regolament riformulat dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri hija, b'mod ċar, fl-interess tal-UE u tal-familji internazzjonali tagħha. Ir-riformulazzjoni tar-Regolament Brussell IIa hija indispensabbli fid-dawl taż-żieda fl-għadd ta' koppji internazzjonali u l-modi ġodda ta' għajxien. Għalhekk,

għandha tingħata aktar attenzjoni lill-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri u dan mhuwiex biss importanti f'każ ta' separazzjoni jew divorzju, iżda anke meta ż-żwiġijiet ikunu jeżisti formalment iżda ma jkun hemm l-ebda relazzjoni reali bejn iż-żewġ partijiet – dan huwa l-punt fejn isiru l-maġġoranza tas-sekwestri internazzjonali.

Ir-rapporteur huwa konxju dwar is-sensittività u l-kumplessità tal-kwistjonijiet rilevanti u għalhekk segwa approċċ kawt iżda ċar li jista' jikkontribwixxi għal ksib ta' kompromess aċċettabbli f'kull Stat Membru. Is-simplifikazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut tal-infurzar, l-eżistenza ta' appoġġ finanzjarju adegwat għall-Awtoritajiet Ċentrali, il-konċentrazzjoni ta' ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali tal-minuri u d-drittijiet tal-parteċipazzjoni tal-minuri, mingħajr ma jinterferixxu mad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-modalitajiet tas-smigħ tal-minuri huma milqugħa b'mod favorevoli.

B'mod ġenerali, ir-riformulazzjoni proposta se ġġib fi tmiemhom bosta każijiet ta' konfużjoni u inċertezza legali, kif ukoll id-dewmien u l-kumplikazzjonijiet żejda. Din se tiżgura wkoll li t-tfal jiġu trattati bl-ogħla livell ta' rispett u mhux bħala l-proprjetà tal-ġenituri tagħhom, tal-organizzazzjonijiet rilevanti jew tal-Istati nfushom. Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi li l-Parlament joħroġ opinjoni favorevoli dwar din il-proposta b'ċerti emendi, li jistgħu jiġu kkonsultati fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva t'hawn fuq.

## ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussel 24.11.2016

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni)**

**COM(2016)411 finali tat-30.6.2016 - 2016/0190 (CNS)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu iktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid ta' atti legali, u b'mod partikulari l-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti fis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fid-29 ta' Settembru u fis-27 ta' Ottubru 2016 sabiex janalizza, fost oħrajn, il-proposta msemmija hawn fuq imressqa mill-Kummissjoni.

Waqt dawk il-laqgħat[1], eżami tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tfassal mill-ġdid ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv stabbilixxa, bi qbil komuni, li dan li ġej kellu jiġi mmarkat b'tipa ta' kulur griż li ġeneralment tintuża sabiex jiġu identifikati bidliet sostanzjali:

- fil-premessa 31, iż-żieda proposta tal-kliem "*B'mod partikulari, meta ppreżentati b'deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor u jiġi ddikjarat divorzju, separazzjoni legali jew l-annullament ta' żwieġ li ma jistax jiġi kkontestat iżjed*", u tal-kliem finali "*u jaġġornaw l-atti tal-istat ċivili skont dan*";
- fil-premessa 41, iż-żieda proposta tal-kliem "*għandhom jinħatru fl-Istati Membri kollha*" u "*jappoġġjaw lill-ġenituri u lill-awtoritajiet kompetenti waqt proċedimenti transfruntiera*";

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu l-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża, il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test eżaminat.

- fl-Artikolu 2(9), iż-żieda proposta tal-kliem "*istituzzjoni jew korp ieħor*";
- fl-Artikolu 2(10), iż-żieda proposta tal-kliem "*jew bi ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi tal-Istat Membru fejn il-minuri jkollhom residenza abitwali*";
- fl-Artikolu 21, is-sostituzzjoni proposta tar-referenza magħmula attwalment għall-"*paragrafi 2 sa 8*" b'referenza għall-"*Artikoli 22 sa 26*";
- it-tħassir propost tal-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003;
- it-test kollu tal-Artikolu 36(1);
- - it-test kollu tal-Artikolu 38(2);
- it-tħassir propost tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003;
- it-tħassir propost tal-Artikolu 51(b) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003;
- fl-Artikolu 79, is-sostituzzjoni proposta tal-kelma "*l-applikazzjoni*" bil-kliem "*l-evalwazzjoni ex post*" u tal-kliem "fuq il-bażi" bil-kliem "*sostnuta*".

Dan l-eżami tal-proposta b'hekk wassal biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil komuni, li l-proposta ma tinkludi l-ebda emenda sostanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali. Il-Grupp ta' Ħidma innota wkoll li, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-att preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-test legali eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali.

| | | |
|---|---|---|
| F. DREXLER | H. LEGAL | L. ROMERO REQUENA |
| Ġurikonsult | Ġurikonsult | Direttur Ġenerali |

28.4.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni)
(COM(2016)0411 – C8-0322/2016 – 2016/0190(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Soledad Cabezón Ruiz

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fost l-għadd numeruż ta' petizzjonijiet li waslu rigward kwistjonijiet dwar il-benesseri tat-tfal, ħafna minnhom tkellmu dwar in-nuqqasijiet tar-Regolament u/jew in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kumitat PETI għandu interess speċjali li jissalvagwardja d-dritt tat-tfal u aħna qegħdin infittxu mekkaniżmi li jiżguraw li l-problemi u l-opinjonijiet tagħhom jinstemgħu, b'kont meħud tal-vulnerabilità tagħhom.

Ir-riformulazzjoni proposta għandha l-għan li ttejjeb id-drittijiet tat-tfal u b'mod partikolari ddaħħal dispożizzjoni separata dwar l-obbligu li l-qrati jagħtu lit-tfal l-opportunità li jinstemgħu. Hija għandha wkoll l-għan li ttejjeb l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' ritorn wara l-ħtif internazzjonali tal-minuri minn ġenitur u tfittex li tabolixxi l-proċedimenti *exequatur* għall-kawżi kollha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Dawn il-kwistjonijiet kollha tqajmu fil-petizzjonijiet li waslu, ħafna drabi marbuta ma' sitwazzjonijiet fejn il-ġenitur mhux ċittadin ġie, fil-prattika, iddiskriminat mill-Istat Membru tal-ġurisdizzjoni.

Ir-rapporteur tqis li l-proposta globalment laħqet il-mira tagħha u tipproponi titjib interessanti. Madankollu, hija tqis li għandhom isiru xi bidliet għall-proposta sabiex din issir aktar effettiva u toffri protezzjoni aħjar tal-aħjar interessi tat-tfal u tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet taċ-ċittadini tal-UE b'mod ġenerali. Billi tagħmel dan, hi se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' żona Ewropea effiċjenti ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-funzjonament korrett u bla xkiel ta' spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni b'rispett għas-sistemi ġuridiċi u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' ġustizzja ta' xulxin għandha tkompli tittejjeb. L-Unjoni ffissat l-oġġettiv lilha nnifisha li toħloq, iżżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment liberu tal-persuni u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu assigurati. Bil-għan li jiġu implimentati dawn l-oġġettivi, ***id-drittijiet*** tal-persuni, speċjalment it-tfal, fi proċedimenti ġuridiċi ***għandhom jissaħħew*** sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera. Ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili għandhom jittejbu, l-aċċess għall-ġustizzja għandu jiġi ssimplifikat u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jitjiebu. | (3) Il-funzjonament korrett u bla xkiel ta' spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni b'rispett għas-sistemi ġuridiċi u għat-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ta' ġustizzja ta' xulxin għandha tkompli tittejjeb. L-Unjoni ffissat l-oġġettiv lilha nnifisha li toħloq, iżżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment liberu tal-persuni u l-aċċess għall-ġustizzja jkunu assigurati. Bil-għan li jiġu implimentati dawn l-oġġettivi, ***huwa essenzjali li d-drittijiet*** tal-persuni, speċjalment it-tfal, fi proċedimenti ġuridiċi ***jissaħħu*** sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi u l-infurzar tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera. Ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili għandhom jittejbu, l-aċċess għall-ġustizzja għandu jiġi ssimplifikat u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jitjiebu***, billi jkun żgurat li ssir verifika preċiża tan-natura mhux diskriminatorja tal-proċeduri u l-prattiki użati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jipproteġu l-aħjar interessi tal-minuri u d-drittijiet fundamentali relatati***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Dan il-Regolament ma għandux japplika għall-istabbiliment tal-paternità u l-maternità, peress li din hija kwistjoni differenti mill-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, u lanqas għall- | (10) Dan il-Regolament ma għandux japplika għall-istabbiliment tal-paternità u l-maternità, peress li din hija kwistjoni differenti mill-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, u lanqas għall- |

| | |
|---|---|
| kwistjonijiet oħra konnessi mal-istatus tal-persuni. | kwistjonijiet oħra konnessi mal-istatus tal-persuni. ***Madankollu, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet relatati mal-eżerċitar tar-responsabbiltà tal-ġenituri meħuda abbażi ta' dan ir-Regolament jirrispettaw kif xieraq il-forom kollha ta' filjazzjoni legalment rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***Ir-raġunijiet*** tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ***huma ffurmati*** fid-dawl tal-aqwa interessi għall-minuri u ***għandhom*** jiġu applikati skont dawn. Kwalunkwe referenza għall-aħjar interessi tal-minuri għandha tiġi interpretata fid-dawl ***tal-Artikolu*** 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Minuri tal-20 ta' Novembru 1989. | (13) ***Jenħtieġ li r-raġunijiet*** tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri ***jkunu dejjem iffurmati*** fid-dawl tal-aqwa interessi għall-minuri u ***li*** jiġu applikati skont dawn. Kwalunkwe referenza għall-aħjar interessi tal-minuri għandha tiġi interpretata fid-dawl ***tal-Artikoli 7, 14, 22 u*** 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Minuri tal-20 ta' Novembru 1989. ***Huwa imperattiv li l-Istat Membru li l-awtoritajiet tagħhom huma kompetenti skont dan ir-Regolament fir-rigward tas-sustanza tal-kwistjoni, wara li jieħdu deċiżjoni finali li tiddisponi r-ritorn tal-minorenni, jiżguraw li l-aħjar interessi u d-drittijiet fundamentali tal-minuri jkunu protetti ladarba l-minuri jkun ġie rritornat, b'mod partikolari meta hu jew hi jkollhom kuntatt maż-żewġ ġenituri.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet ta' xi Stat Membru li ma għandux ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ milli jieħdu miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward tal-persuna jew proprjetà ta' minuri li jkunu preżenti f'dak l-Istat Membru. Dawn il-miżuri għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri kollha oħrajn inklużi l-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li hija tqis xierqa. Madankollu, il-miżuri li tieħu qorti fi Stat Membru għandhom jiġu emendati jew sostitwiti biss minn miżuri meħudin ukoll minn qorti fl-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ. Awtorità li jkollha ġurisdizzjoni biss fuq miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi għandha, jekk titressaq applikazzjoni quddiemha dwar il-mertu tal-każ, tiddikjara fuq inizjattiva tagħha stess li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni. Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, l-awtorità għandha tinforma, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali, lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu. Madankollu, in-nuqqas milli jiġi infurmat Stat Membru ieħor ma għandux ikun bħala tali r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura. | (17) Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet ta' xi Stat Membru li ma għandux ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ milli jieħdu miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward tal-persuna jew proprjetà ta' minuri li jkunu preżenti f'dak l-Istat Membru ***jew f'każ ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru kif definita fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ('il-Konvenzjoni ta' Istanbul')***. Dawn il-miżuri għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati fl-Istati Membri kollha oħrajn inklużi l-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament sakemm awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun ħadet il-miżuri li hija tqis xierqa. Madankollu, il-miżuri li tieħu qorti fi Stat Membru għandhom jiġu emendati jew sostitwiti biss minn miżuri meħudin ukoll minn qorti fl-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ. Awtorità li jkollha ġurisdizzjoni biss fuq miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi għandha, jekk titressaq applikazzjoni quddiemha dwar il-mertu tal-każ, tiddikjara fuq inizjattiva tagħha stess li ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni. Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi dan, l-awtorità għandha tinforma, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali, lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu. Madankollu, in-nuqqas milli jiġi infurmat Stat Membru ieħor ma għandux ikun bħala tali r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-miżura. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) F'każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jaf ma jkunux l-aktar awtoritajiet xierqa biex jittrattaw il-każ. Fl-aħjar interessi tal-minuri, bħala eċċezzjoni u soġġetta għal kondizzjonijiet, l-awtorità li għandha l-ġurisdizzjoni tista' tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tagħha f'każ speċifiku għal awtorità oħra ta' Stat Membru ieħor jekk din l-awtorità hija f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-każ. Madankollu, f'dan il-każ it-tieni awtorità ma għandiex titħalla tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni għal awtorità terza. | (18) ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-fatt li,*** f'każijiet eċċezzjonali, ***bħal f'każijiet ta' vjolenza domestika jew ibbażata fuq il-ġeneru,*** l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri jaf ma jkunux l-aktar awtoritajiet xierqa biex jittrattaw il-każ. Fl-aħjar interessi tal-minuri, bħala eċċezzjoni u soġġetta għal kondizzjonijiet, l-awtorità li għandha l-ġurisdizzjoni tista' tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tagħha f'każ speċifiku għal awtorità oħra ta' Stat Membru ieħor jekk din l-awtorità hija f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-każ. Madankollu, f'dan il-każ it-tieni awtorità ma għandiex titħalla tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni għal awtorità terza. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-proċedimenti fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 għandhom jirrispettaw id-dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom liberament, u meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minuri, għandu jingħata l-piż xieraq lil dawn l-ideat. Is-smigħ tal-minuri skont l-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal għandu parti importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament***, madankollu,*** mhux maħsub | (23) Il-proċedimenti fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri skont dan ir-Regolament kif ukoll proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 għandhom jirrispettaw id-dritt tal-minuri li jesprimu l-ideat tagħhom liberament, u meta jiġu vvalutati l-aħjar interessi tal-minuri, għandu jingħata l-piż xieraq lil dawn l-ideat. Is-smigħ tal-minuri skont l-Artikolu 24(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal għandu parti importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ***bl-ebda mod m'hu*** maħsub |

| | |
|---|---|
| sabiex jistabbilixxi kif jinstemgħu l-minuri, pereżempju, jekk il-minuri jinstemgħux mill-imħallef direttament jew minn espert imħarreġ apposta li jirraporta lill-qorti wara, jew jekk il-minuri jinstemgħux fl-awla tal-qorti jew f'post ieħor. | sabiex jistabbilixxi kif jinstemgħu l-minuri, pereżempju, jekk il-minuri jinstemgħux mill-imħallef direttament jew minn espert imħarreġ apposta li jirraporta lill-qorti wara, jew jekk il-minuri jinstemgħux fl-awla tal-qorti jew f'post ieħor***, iżda, sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali involuti, jenħtieġ li fi kwalunkwe każ jiġi previst ir-rekordjar tas-smigħ tal-minuri.. Huwa essenzjali li s-smigħ tal-minuri jipprovdi l-garanziji kollha meħtieġa sabiex l-integrità emozzjonali u l-aħjar interessi tal-minuri jkunu jistgħu jiġu protetti u, għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tali seduti ta' smigħ jinvolvu l-appoġġ tal-medjaturi professjonali flimkien ma' psikologi u/jew ħaddiema soċjali u interpreti. Dan għandu wkoll jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ ġenituri u r-relazzjoni bejniethom u l-minuri fi stadju aktar tard.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex jikkonludu l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 malajr kemm jista' jkun, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għal dawn il-poċedimenti fuq qorti waħda jew aktar, filwaqt li jqisu l-istrutturi interni tagħhom għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kif xieraq. Il-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fuq għadd limitat ta' qrati fi Stat Membru hija għodda essenzjali u effettiva biex jitħaffef it-trattar ta' każijiet ta' sekwestru ta' minuri f'diversi Stati Membri minħabba l-imħallfin li jisimgħu għadd kbir minn dawn il-każi jiżviluppaw kompetenza partikulari. Skont l-istruttura tas-sistema ġuridika, il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri tista' tkun ikkonċentrata f'qorti waħda għall-pajjiż kollu jew f'għadd limitat ta' qrati, bl-użu, | (26) Sabiex jikkonludu l-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 malajr kemm jista' jkun, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għal dawn il-poċedimenti fuq qorti waħda jew aktar, filwaqt li jqisu l-istrutturi interni tagħhom għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kif xieraq. Il-konċentrazzjoni tal-ġurisdizzjoni fuq għadd limitat ta' qrati fi Stat Membru hija għodda essenzjali u effettiva biex jitħaffef it-trattar ta' każijiet ta' sekwestru ta' minuri f'diversi Stati Membri minħabba l-imħallfin li jisimgħu għadd kbir minn dawn il-każi jiżviluppaw kompetenza partikulari. Skont l-istruttura tas-sistema ġuridika, il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri tista' tkun ikkonċentrata f'qorti waħda għall-pajjiż kollu jew f'għadd limitat ta' qrati, bl-użu, |

| | |
|---|---|
| pereżempu, ta' għadd ta' qrati tal-appell bħala punt tat-tluq u li jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fuq qorti ġenerali f'kull distrett ta' qorti tal-appell. Kull qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data li fiha jkunu tressqu r-rikors jew l-appell quddiemha. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-għadd ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni li tippermetti jew li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri tal-1980 għal appell wieħed. | pereżempu, ta' għadd ta' qrati tal-appell bħala punt tat-tluq u li jikkonċentraw il-ġurisdizzjoni għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fuq qorti ġenerali f'kull distrett ta' qorti tal-appell. Kull qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data li fiha jkunu tressqu r-rikors jew l-appell quddiemha. L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-għadd ta' appelli possibbli kontra deċiżjoni li tippermetti jew li tirrifjuta r-ritorn ta' minuri skont il-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' Minuri tal-1980 għal appell wieħed. ***Jenħtieġ ukoll li jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li s-sentenzi tal-qorti maqtugħa fi Stat Membru jiġu rikonoxxuti fi Stat Membru ieħor. Meta tinqata' sentenza tal-qorti, jenħtieġ li din tkun rikonoxxuta wkoll fl-Unjoni kollha, speċjalment meta l-interessi tat-tfal ikunu f'riskju.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Fil-każijiet kollha rigward il-minuri, u b'mod partikulari f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu l-possibbiltà li jsibu soluzzjonijiet amikevoli permezz ta' medjazzjoni u mezzi xierqa oħrajn***, assistiti, fejn xieraq, b'netwerks eżistenti u strutturi ta' appoġġ għal medjazzjoni f'tilwim dwar responsabbiltà tal-ġenituri transfruntier***. Madankollu, dawn l-isforzi ma għandhomx itawlu bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. | (28) Fil-każijiet kollha rigward il-minuri, u b'mod partikulari f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi għandhom iqisu l-possibbiltà li jsibu soluzzjonijiet amikevoli permezz ta' medjazzjoni u mezzi xierqa oħrajn ***sabiex jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-minuri u ta' drittijiet fundamentali relatati oħrajn***. Madankollu, dawn l-isforzi ma għandhomx itawlu bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-għarfien espert tal-ombudsmen jintuża aħjar u jiġi implimentat.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Meta l-qorti jew l-Istat Membru fejn, jew li fih il-minuri jitneħħew jew jinżammu b'mod inġust jiddeċiedu li jirrifjutaw ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fid-deċiżjoni tagħhom dawn għandhom jirreferu b'mod espliċitu għall-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li fuqhom ikun ibbażat dan ir-rifjut. Madankollu, deċiżjoni bħal din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti, mogħtija waqt il-proċedimenti tal-kustodja wara eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri, mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija jew żamma inġusta. Jekk dik id-deċiżjoni tobbliga r-ritorn tal-minuri, ir-ritorn għandu jiġi magħmul mingħajr l-ebda proċedura speċjali neċessarja għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dik id-deċiżjoni fl-Istat Membru liema jew f'liema l-minuri ġew imneħħija jew miżmuma. | (30) Meta l-qorti jew l-Istat Membru fejn, jew li fih il-minuri jitneħħew jew jinżammu b'mod inġust jiddeċiedu li jirrifjutaw ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, fid-deċiżjoni tagħhom dawn għandhom jirreferu b'mod espliċitu għall-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li fuqhom ikun ibbażat dan ir-rifjut ***u jiddikjaraw ir-raġunijiet għal dan***. Madankollu, deċiżjoni bħal din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti, mogħtija waqt il-proċedimenti tal-kustodja wara eżami bir-reqqa tal-aħjar interessi tal-minuri, mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel it-tneħħija jew żamma inġusta. Jekk dik id-deċiżjoni tobbliga r-ritorn tal-minuri, ir-ritorn għandu jiġi magħmul mingħajr l-ebda proċedura speċjali neċessarja għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dik id-deċiżjoni fl-Istat Membru liema jew f'liema l-minuri ġew imneħħija jew miżmuma. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) Sabiex jinforma lill-persuna li jkun qed jintalab infurzar kontriha dwar l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat stabbilit skont dan ir-Regolament għandu jiġi nnotifikat lil din il-persuna ***fi żmien raġonevoli*** qabel l-ewwel miżura ta' infurzar u, jekk meħtieġ, akkumpanjat bid-deċiżjoni. F'dak il-kuntest, l-ewwel miżura ta' infurzar għandha tfisser l-ewwel miżura ta' infurzar wara din in-notifika. | (38) Sabiex jinforma lill-persuna li jkun qed jintalab infurzar kontriha dwar l-infurzar ta' deċiżjoni meħuda fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat stabbilit skont dan ir-Regolament għandu jiġi nnotifikat lil din il-persuna ***immedjatament u*** qabel l-ewwel miżura ta' infurzar u, jekk meħtieġ, akkumpanjat bid-deċiżjoni. F'dak il-kuntest, l-ewwel miżura ta' infurzar għandha tfisser l-ewwel miżura ta' infurzar wara din in-notifika. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) F'każijiet speċifiċi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jipprovdu assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Din l-assistenza għandha tinkludi, b'mod partikulari, il-lokazzjoni tal-minuri, direttament jew permezz ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex titwettaq talba skont dan ir-Regolament, u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-minuri għall-finijiet tal-proċedimenti. | (42) F'każijiet speċifiċi fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jipprovdu assistenza lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Din l-assistenza għandha tinkludi, b'mod partikulari, il-lokazzjoni tal-minuri, direttament jew permezz ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex titwettaq talba skont dan ir-Regolament, u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-minuri għall-finijiet tal-proċedimenti. ***F'każijiet fejn il-ġurisdizzjoni tkun fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li tiegħu l-minuri huwa ċittadin, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru bil-ġurisdizzjoni għandhom jinfurmaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru li tiegħu l-minuri huwa ċittadin.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Awtorità ta' Stat Membru li tikkontempla deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ***għandha tkun intitolata li*** titlob għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ***tal-minuri mill-awtoritaiet*** ta' Stat Membru ieħor ***jekk l-aħjar interessi*** | (46) ***F'każijiet speċjali, meta l-aħjar interessi tal-minuri jkunu jirrikjedu dan, jenħtieġ li*** awtorità ta' Stat Membru li tikkontempla deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ***tiġi obbligata*** titlob il-komunikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni ***ta' dak il-minuri*** |

| | |
|---|---|
| ***tal-minuri jkunu jirrikjedu dan***. Skont iċ-ċirkustanzi, din tista' tinkludi informazzjoni dwar il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet rigward ġenitur jew ***aħwa*** tal-minuri, jew dwar il-kapaċità li ġenitur jieħu ħsieb ta' minuri jew ikollu aċċess għall-minuri. | ***mill-awtoritajiet*** ta' Stat Membru ieħor. Skont iċ-ċirkustanzi, din tista' tinkludi informazzjoni dwar il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet rigward ġenitur***, pereżempju f'każijiet ta' vjolenza domestika jew ibbażata fuq il-ġeneru,*** jew ***dwar deċiżjonijiet li jikkonċernat lill-aħwa*** tal-minuri, jew ***informazzjoni*** dwar il-kapaċità li ġenitur jieħu ħsieb ta' minuri jew ikollu aċċess għall-minuri. ***Jenħtieġ li l-valutazzjoni ta' din il-kapaċità tiġi determinata minn professjonist. Jenħtieġ li n-nazzjonalità, is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali jew il-kuntest kulturali u reliġjuż ta' ġenitur ma jitqiesux bħala element determinanti meta tittieħed deċiżjoni dwar il-kapaċità tiegħu jew tagħha biex jieħu/tieħu ħsieb minuri.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48a) Jenħtieġ li tinħoloq pjattaforma ta' appoġġ għaċ-ċittadini tal-UE li jkunu qed jitolbu r-ritorn ta' minuri quddiem qrati fi Stati Membri oħrajn. Barra minn hekk, jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fi Stati Membri oħrajn li fihom dawn qed jitolbu r-ritorn ta' minuri, jiġu assistiti mir-rappreżentanti rispettivi tagħhom.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri | 1. L-awtoritajiet ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri |

| | |
|---|---|
| dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru. Meta minuri jiċċaqalqu legalment minn Stat Membru għal ieħor u jiksbu residenza abitwali ġdida hemmhekk, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ġdida għandu jkollhom ġurisdizzjoni. | dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru. Meta minuri jiċċaqalqu legalment minn Stat Membru għal ieħor u jiksbu residenza abitwali ġdida hemmhekk, ***kif definit mill-Qorti tal-Ġustizzja,*** l-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ġdida għandu jkollhom ġurisdizzjoni. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Sabiex jiġu ssimplifikati l-kwistjonijiet ta' kompetenza, l-Istati Membri għandhom jinnominaw qorti fil-livell nazzjonali li għandha tittratta l-każijiet transfruntiera kollha li jinvolvu t-tfal.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każijiet urġenti, l-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri jew il-proprjetà li jippossedu l-minuri hija preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi fir-rigward tal-minuri jew tal-proprjetà. | F'każijiet urġenti, l-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri jew il-proprjetà li jippossedu l-minuri hija preżenti għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi fir-rigward tal-minuri jew tal-proprjetà. ***Jenħtieġ li tali miżuri ma jdewmux bla bżonn il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet finali dwar il-kustodja u d-drittijiet ta' aċċess.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi, l-awtorità li tkun ħadet il-miżuri protettivi għandha tinforma lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament dwar il-mertu tal-każ, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60. | Sa fejn il-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri tkun tirrikjedi, l-awtorità li tkun ħadet il-miżuri protettivi għandha tinforma lill-awtorità tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni skont dan ir-Regolament dwar il-mertu tal-każ, direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali maħtura skont l-Artikolu 60. ***Dik l-awtorità għandha tiżgura li l-ġenituri involuti fil-proċedimenti jkunu kompletament informati mingħajr dewmien dwar il-miżuri kollha ikkonċernati, b'lingwa li jifhmu kompletament. Għaldaqstant, għandu jiġi pprojbit li l-ġenitur mill-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu għandhom il-ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-każ skont dan ir-Regolament jintalab iħallas għall-ispejjeż tat-traduzzjoni.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minuri ***li jkunu kapaċi jifformulaw l-ideat tagħhom jingħataw*** l-opportunità ġenwina u effettiva li ***jesprimu dawk l-ideat*** liberament waqt il-proċedimenti. | Meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom skont it-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minuri ***jingħata*** l-opportunità ġenwina u effettiva li ***jesprimi l-fehmiet proprji tiegħu jew tagħha*** liberament waqt il-proċedimenti. |
| L-awtorità għandha tqis kif xieraq l-ideat tal-minuri f'konformità mal-età u l-maturità ***tagħhom*** u ***tirreġistra*** l-kunsiderazzjonijiet tagħhom fid-deċiżjoni. | L-awtorità għandha tqis kif xieraq l-ideat tal-minuri f'konformità mal-età u l-maturità ***tiegħu, b'mod partikolari meta l-minuri jkollu aktar minn 12-il sena,*** u ***tiddokumenta b'mod ċar*** il- |

kunsiderazzjonijiet tagħhom fid-deċiżjoni. ***Mill-età ta' 16-il sena, ix-xewqat tal-minuri għandhom jitqiesu bħala deċiżivi. Id-determinazzjoni tal-kapaċitajiet u l-maturità tal-minuri għandha ssir bl-għajnuna ta' professjonisti tat-tfal u l-familja. L-awtorità għandha toħloq il-kundizzjonijiet ġusti sabiex il-minuri jkun jista' jesprimi l-opinjoni tiegħu b'mod ċar u eżawrjenti, li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni finali. Sabiex jiġu determinati l-kapaċità u l-grad ta' maturità tal-minuri għandha titfittex l-għajnuna ta' professjonisti fi kwistjonijiet tat-tfal u tal-familja.***

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 - paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kmieni kemm jista' jkun fil-proċedimenti, il-qorti għandha ***teżamina jekk il-partijiet humiex lesti li jinvolvu ruħhom f'medjazzjoni*** biex, fl-aħjar interessi tal-minuri, jaslu għal soluzzjoni ***miftehma***, diment li dan ma jtawwalx il-proċedimenti bla bżonn. | 2. Kmieni kemm jista' jkun fil-proċedimenti, il-qorti għandha ***tipproponi servizzi ta' medjazzjoni, ħlief f'każijiet ta' vjolenza domestika jew ibbażata fuq il-ġeneru,*** biex, fl-aħjar interessi tal-minuri, jaslu għal soluzzjoni ***miftiehma***, diment li dan ma jtawwalx il-proċedimenti bla bżonn. ***Meta l-partijiet jaqblu li jibdew medjazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni għandhom jiżguraw l-aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-proċedura għall-infurzar tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor, sa fejn ma tkunx koperta bir-Regolament, tiġi rregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40, deċiżjoni*** | 1. Il-proċedura għall-infurzar tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor, sa fejn ma tkunx koperta bir-Regolament, tiġi rregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar. |

***meħuda fi Stat Membru li tkun infurzabbli fl-Istat Membru tal-infurzar tiġi infurzata hemm bl-istess kundizzjonijiet bħal deċiżjoni meħuda fl-Istat Membru tal-infurzar.***

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Meta meħtieġ,*** il-qorti titlob lir-rikorrent jipprovdi, f'konformità mal-Artikolu 69, traduzzjoni jew trasliterazzjoni tal-kontenut rilevanti taċ-ċertifikat li jispeċifika l-obbligu li għandu jiġi infurzat. | 2. Il-qorti ***għandha*** titlob lir-rikorrent jipprovdi, f'konformità mal-Artikolu 69, traduzzjoni jew trasliterazzjoni tal-kontenut rilevanti taċ-ċertifikat li jispeċifika l-obbligu li għandu jiġi infurzat. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 63 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jinfurmaw lid-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri dwar l-għajnuna u l-assistenza legali, pereżempju dwar avukati bilingwi speċjalizzati, sabiex jevitaw li d-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jagħtu l-kunsens tagħhom mingħajr ma jkunu fehmu l-portata tal-kunsens tagħhom.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta tiġi kontemplata deċiżjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***dwar kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru fejn il-minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru li tiegħu l-minuri jkun ċittadin dwar l-eżistenza tal-proċedimenti relatati.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri ma jkunux residenti abitwali għandhom, fuq talba minn ***persuna*** li ***tirrisjedi*** f'dak l-Istat Membru li ***tkun*** qed ***tfittex*** li ***tikseb*** jew li ***żżomm*** l-aċċess għall-minuri, jew fuq talba minn Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru, jiġbru l-informazzjoni jew l-evidenza, u jistgħu jagħmlu sejba skont l-idoneità ta' dik il-persuna biex teżerċita l-aċċess u skont il-kundizzjonijiet li bihom għandu jiġi eżerċitat dak l-aċċess. | 5. L-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn il-minuri ma jkunux residenti abitwali għandhom, fuq talba minn ***qarib*** li ***jirrisjedi*** f'dak l-Istat Membru li ***jkun*** qed ***ifittex*** li ***jikseb*** jew li ***jżomm*** l-aċċess għall-minuri, jew fuq talba minn Awtorità Ċentrali ta' Stat Membru, jiġbru l-informazzjoni jew l-evidenza, u jistgħu jagħmlu sejba skont l-idoneità ta' dik il-persuna biex teżerċita l-aċċess u skont il-kundizzjonijiet li bihom għandu jiġi eżerċitat dak l-aċċess. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-assistenti soċjali u persunal ieħor tal-awtoritajiet li jieħdu ħsieb it-tqegħid ta' tfal fi djar ta' indukrar jew ma' familji tar-rispett għandhom jirċievu taħriġ sabiex jiġu sensibilizzati dwar il-kwistjonijiet involuti.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu lill-ġenituri d-dritt regolari ta' aċċess, ħlief meta dan ikun ta' xkiel għall-benesseri tal-minuri.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 65 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Jekk l-awtorità kompetenti jkollha l-intenzjoni li tibgħat assistenti soċjali fi Stat Membru ieħor sabiex jiġu ddeterminati jekk it-tqegħid jew l-adozzjoni hemmhekk humiex kompatibbli mal-benesseri tal-minuri, din għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat kif xieraq.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa [***10*** snin wara d-data tal-applikazzjoni] il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-evalwazzjoni ex post ta' dan ir-Regolament bl-appoġġ tal-informazzjoni fornita mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat jekk hemm bżonn bi proposta leġiżlattiva. | 1. Sa [***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni] il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-evalwazzjoni ex post ta' dan ir-Regolament bl-appoġġ tal-informazzjoni fornita mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat jekk hemm bżonn bi proposta leġiżlattiva. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 79 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-infurzar skont l-Artikolu 32, l-għadd ta' każijiet fejn l-infurzar ma seħħx fi żmien sitt ġimgħat minn meta tnedew il-proċedimenti tal-infurzar; | (b) fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-infurzar skont l-Artikolu 32, l-għadd ta' każijiet fejn l-infurzar ***ġie sospiż, għal kemm żmien l-infurzar ġie sospiż u n-numru ta' każijiet li fihom l-infurzar*** ma seħħx fi żmien sitt ġimgħat minn meta tnedew il-proċedimenti tal-infurzar; |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta’ minuri (riformulazzjoni) |
| **Referenzi** | COM(2016)0411 – C8-0322/2016 – 2016/0190(CNS) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>12.9.2016 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PETI<br>12.9.2016 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Soledad Cabezón Ruiz<br>16.11.2016 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.4.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 15<br>–: 0<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marina Albiol Guzmán, Margrete Auken, Beatriz Becerra Basterrechea, Soledad Cabezón Ruiz, Pál Csáky, Eleonora Evi, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Peter Jahr, Notis Marias, Marlene Mizzi, Cristian Dan Preda, Gabriele Preuß, Laurenţiu Rebega, Virginie Rozière, Josep-Maria Terricabras, Jarosław Wałęsa, Cecilia Wikström, Tatjana Ždanoka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Miltiadis Kyrkos, Julia Pitera, Ángela Vallina, Axel Voss, Rainer Wieland |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 15 | + |
|---|---|
| ALDE<br>GUE/NGL<br>ECR<br>ENF<br>S&D<br>VERTS/ALE | Beatriz Becerra Basterrechea, Cecilia Wikström<br>Albiol Guzmán, Ángela Vallina,<br>Notis Marias<br>,Laurenţiu Rebega,<br>Soledad Cabezón Ruiz, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Miltiadis Kyrkos,Marlene Mizzi, Gabriele Preuß, Virginie Rozière,<br>Margrete Auken, Josep-Maria Terricabras, Tatjana Ždanoka |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 8 | 0 |
|---|---|
| EFDD<br>PPE | Eleonora Evi,<br>Pál CsákyPeter Jahr, Julia Pitera, Cristian Dan Preda, Axel Voss, Jarosław Wałęsa, Rainer Wieland |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) |
| **Referenzi** | COM(2016)0411 – C8-0322/2016 – 2016/0190(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 15.7.2016 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>12.9.2016 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE 12.9.2016 · FEMM 12.9.2016 · PETI 12.9.2016 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | LIBE 11.7.2016 · FEMM 1.9.2016 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Tadeusz Zwiefka<br>11.7.2016 |
| **Eżami fil-kumitat** | 22.3.2017 · 30.5.2017 · 13.7.2017 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Jean-Marie Cavada, Kostas Chrysogonos, Mady Delvaux, Rosa Estaràs Ferragut, Laura Ferrara, Enrico Gasbarra, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Jiří Maštálka, Emil Radev, Julia Reda, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabella Adinolfi, Daniel Buda, Angelika Niebler, Tiemo Wölken |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | John Flack, Emma McClarkin, Sabine Verheyen |
| **Data tat-tressiq** | 1.12.2017 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 22 | + |
|---|---|
| ALDE | Jean-Marie Cavada, António Marinho e Pinto |
| EFDD | Joëlle Bergeron |
| ENF | Marie-Christine Boutonnet, Gilles Lebreton |
| GUE/NGL | Kostas Chrysogonos, Jiří Maštálka |
| PPE | Rosa Estaràs Ferragut, Angelika Niebler, Emil Radev, József Szájer, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka |
| S&D | Mady Delvaux, Enrico Gasbarra, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Evelyn Regner, Tiemo Wölken |
| VERTS/ALE | Max Andersson, Julia Reda |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | John Flack, Emma McClarkin |
| EFDD | Isabella Adinolfi |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni